**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Jannar, 2025

Rikors Ġuramentat: 85/13AL

**A B C**
**f'isimha personali u bħala kuratriċi *ad litem* ta' bintha minuri E**
K.I. 18369(M)

**vs.**

**D C**
K.I. 312370(M)

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 326/1989)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi datat 30 ta' April 2013 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet kif ġej:

[1] Fol. 1.

*1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena 1989 (certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. A), u mill-istess zwieg twieldet tifla bl-isem E illi llum ghandha erbatax-il (14) sena, u kif ukoll tifla bl-isem F illi llum ghandha tlieta u ghoxrin (23) sena (certifikati tat-twelid annessi u rispettivament immarkati bhala Dok. B u Dok. C);*

*2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba tortijiet attribwiti unikament lill-intimat, u senjament adulterju, vjolenza, eccessi, mohqrija, sevizzi, minacci, theddid, u ingurji gravi da parti tal-istess intimat, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment;*

*3. Illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata illi tiftah din il-kawza permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) wara li gew itterminati l-proceduri ta' medjazzjoni skond il-Ligi, liema digriet igib in-numru 813/13 u huwa datat is-16 ta' April 2013 (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. D);*

*4. Illi kull tentattiv sabiex jintlahaq bejn il-kontendenti ftehim bonarju ma swew ghal xejn, u għalhekk kellhom jigu ntavolati l-odjerni proceduri.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti f'isimha personali u bhala kuratrici ad litem ta' bintha minuri, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghal tortijiet serji unikament imputabbli lill-intimat, u konsegwentement tistabbilixxi d-data meta l-istess intimat ghandu jkun ikkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;*

*2. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri E tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti, salv id-dritt ta' access li din l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda lill-intimat ghall-istess minuri, dejjem taht dawk il-kundizzjonijiet li din l-istess Qorti jidrilha xierqa u opportuni, kollox skond l-ahjar interess tal-minuri.*

*3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti, u dan ghaliha personalment u kif ukoll ghall-minuri fuq indikata, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti, pagabbli mill-intimat lill-istess rikorrenti fil-gimgha jew fix-xahar skond kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, u bi provvedimenti jekk ikun opportun ghal zieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, jew jekk hekk jidher xieraq lil din l-istess Qorti, tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali u/jew tassenja propjeta' immobbli lir-rikorrenti illi fil-fehma tal-Qorti tkun gusta u sufficjenti bl- applikazzjoni tal-Artikolu 54 (3) u (6) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*4. Tapplika kontra l-intimat, interament jew in parti, d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*5. Tiddikjara, occorrendo bil-hatra ta' perit nominandi, x-xoljiment u konsegwenti likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, b'mod illi jigu stabbiliti l-porzjonijiet illi ghandhom jigu assenjati lill-partijiet rispettivi, u b'mod illi d-dar matrimonjali tigi assenjata lir-rikorrenti ad eskluzjoni tal-konvenut.*

*6. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tabita fid-dar matrimonjali esklussivament wahedha, flimkien ma' uliedha E u F.*

*7. Tordna lill-intimat jikkonsenja lir-rikorrenti l-beni/krediti dotali u parafernali kollha taghha u tordna illi r-rikorrenti tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.*

*8. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, u cioe' Degiorgio.*

*9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att.*

*10. Tawtorizza lir-rikorrenti illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni u fl-atti tad-digrieti li nghataw fil-medjazzjoni, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-attriċi;

Rat iċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 326/1989;[2]

Rat id-digriet tal-Qorti tas-16 ta' April 2013[3] li bih iddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-konvenut jipproċedi b'kawża fit-termini mposti mil-liġi.

Rat ir-risposta ġuramentata[4] tal-konvenut li fiha ġie eċċepit kif ġej:

*1. ILLI l-esponenti jaqbel ma' l-ewwel talba rikorrenti b'dana pero illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni b'tortijiet imputabbli esklussivament lill-istess rikorrenti li kienet hatja ta' adulterju, sevizzi, eccessi u ngurji gravi fil-konfront ta' l-esponenti u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-mori tal-kawza;*

*2. ILLI l-esponenti ma ghandux oggezzjoni li l-kura u kustodja tal-minuri E C tigi fdata lir-rikorrenti salv li l-esponenti jkollu access ampju ghal minuri;*

*3. ILLI fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti, l-esponenti umilment jissottometti illi ma ghandux jigi ordnat ihallas manteniment ghar-rikorrenti personalment u dan stante l-fatt illi kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, t-tortijiet tas-separazzjoni huma attribbwibbli unikament u esklussivament ghar-rikorrenti u di piu, l-istess rikorrenti hija kapaci u tista tohrog tahdem. Illi l-esponenti jaqbel li ghandu jhallas manteniment ghal minuri kif del resto ilu jaghmel ghal dawn l-ahhar xhur;*

---

[2] Fol. 5.

[3] Fol. 11.

[4] Fol. 29.

*4. ILLI l-esponenti ma jaqbilx mar-raba' talba rikorrenti u dan stante l-fatt illi kif gja nghad u kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, t-tortijiet tas-separazzjoni huma mputabbli unikament lill-istess rikorrenti;*

*5. ILLI l-esponenti jaqbel mal-hames talba rikorrenti ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'dan pero assolutament ma hemm l-ebda qbil u wisq anqas raguni 'l ghaliex id-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lir-rikorrenti ad eskluzjoni ta' l-esponenti;*

*6. ILLI l-esponenti ma jaqbilx li r-rikorrenti ghandha tibqa' tabita fid-dar matrimonjali esklussivament wahedha u dan stante l-fatt li d-dar matrimonjali tifforma parti mil-komunjoni ta' l-akkwisti u ma hemm l-ebda raguni valida skond il-Ligi ghaliex l-esponenti ghandu jigi mcahhad mid-dritt li jgawdi l-propjeta tieghu.*

*7. ILLI l-esponenti ma ghandux fil-pussess tieghu beni dotali u/jew parafernali tar-rikorrenti u konsegwentement ma jistax jigi kundannat li jirritorna l-istess u/jew jigi kundannat ihallas dik is-somma rapprezentanti l-valur ta' dawn il-beni, kemm dotali u/jew parafernali;*

*8. ILLI l-esponenti jaqbel mad-disa' (9) u l-ghaxar (10) talba rikorrenti.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista ta’ xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut[5] li fiha ppremetta kif ġej:

*1. ILLI l-kontendenti izzewgu f'Malta nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena 1989 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt'itfal, E li ghandha 14-il sena u F li ghandha 23 sena;*

*2. ILLI r-rikorrenti rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante li l-istess rikorrenti hija hatja ta' adulterju, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha versu l-esponenti u*

[5] Fol. 31.

*in subsidium, iz-zwieg tkisser irremedjabbilment b'tortijiet imputabbli unikament ta' l-istess rikorrenti;*

*3. ILLI l-esponenti pprova jasal fi ftehim bonarju, izda ma ntlahaq l-ebda ftehim;*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghed ghar-ragunijiet fuq imsemmija, jitlob lil din l-Onorbabli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, illi:*

*1. TIDDIKJARA U TIPPRONUNZJA s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi C u dan minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrenti A B C u dan kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza;*

*2. TIFFISSA l-modalitajiet ta' access li l-esponenti għandu jkollu versu t-tifla minuri E C;*

*3. TIFFISSA dik ir-retta alimentarja li l-esponenti għandu jhallas kull xahar bhala manteniment ghal minuri liema manteniment ilu jithallas ghal dawn l-ahhar xhur;*

*4. TAPPLIKA kontra r-rikorrenti l-effetti in toto jew in parte ta' l-artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminjazzjoni li tilfet kull dritt li tiret mil-esponenti u li ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi u titlob manteniment minghand l-esponenti;*

*5. IXXOUI u TILLIKWIDA l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg prozjonijiet mhux necessarjament ugwali u TASSENJA porzjon lir-rikorrenti u porzjon lill-esponenti ope sententium. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;*

*6. TIKKUNDANNA lir-rikorrenti sabiex tirrestitwixxi lil esponenti l-beni kollha parafernali tieghu li jirrizultaw waqt il-mori tal-kawza kif ukoll l-ispejjez li saru da parti ta' l-istess esponenti qabel iz-zwieg, u dan fi zmien*

*qasir u perentorju, li ghandu jigu lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li r-rikorrenti taghmel dan, TIKKUNDANNAHA thallas lil esponenti dik is-somma li ghandha tigi hekk likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal- beni parafernali sudetti.*

*Bl-ispejjez.*
Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut rikonvenjenti;

Rat ir-risposta tal-attriċi rikonvenuta[6] għall-kontro-talba tal-konvenut:

*1. Illi fir-rigward tal-ewwel talba r-rikorrenti rikonvenzjonata ma hijiex topponi illi tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet premessi, izda dan ghar-ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat rinkonvenzjonant fosthom adulterju, vjolenza, eccessi, mohqrija, sevizzi, minacci, theddid, u ingurji gravi da parti tal-istess intimat, u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser irrevokabilment, kollox kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Ghalhekk, it-talbiet tal-intimat rikonvenzjonant in kwantu illi jattribwixxu xi tort da parti tar-rikorrenti rikonvenzjonata ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-kontendenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi t-tieni talba mressqa mill-intimat rikonvenzjonant ghandha tigi milqugha minn din l-Onorabbli Qorti, b'dan illi d-dritt ta' access illi jigi akkordat lill-intimat rikonvenzjonant ghandu jkun limitat ghal access matul il-gurnata ghal ragunijiet illi ser jigu ppruvati matul it-trattazzjoni tal-kawza.*

*3. Illi t-tielet talba tal-intimat rikonvenzjonant ghandha tigi milqugha in parte minn din l-Onorabbli Qorti, b'dan illi tigi ffissata retta alimentarja xierqa u adegwata illi ghandha tithallas mill-istess intimat rikonvenzjonant ghall-bzonnijiet tal-minuri E C, liema retta alimentarja ma ghandhiex tkun necessarjament limitatata ghal dak l-ammont illi ilu dawn l-ahhar xhur jithallas bhala manteniment ghall-imsemmija minuri.*

*4. Illi r-raba' talba rikonvenzjonali ghandha tigi michuda stante illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ma kkomminat fl-ebda dekadenza, u ghal kuntrarju l-effetti tal-Artikolu 48 et seq tal-Kodici Civili ghandhom jigu*

[6] Fol. 58.

*applikati fil-konfront tal- intimat rikonvenzjonant minhabba ragunijiet illi ser jigu ppruvati matul it- trattazzjoni tal-kawza.*

*5. Illi l-hames talba maghmula mill-intimat rikonvenzjonant ghandha tigi milqugha, in kwantu illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna illi l-oggetti formanti parti minnha jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet kif jigi hekk ordnat u stabbilit minn din l-istess Onorabbli Qorti, occorrendo bil-hatra ta' periti nominandi u b'tali mod illi d-dar matrimonjali tigi esklussivament assenjata lir-rikorrenti rikonvenzjonata.*

*6. Illi dwar is-sitt talba din ghandha tigi michuda in kwantu illi ma hemm fil-pussess tar-rikorrenti rikonvenzjonata l-ebda beni parafernali appartenenti lill-intimat rikonvenzjonant, u di piu' ma saru l-ebda spejjez qabel iz-zwieg da parti tal-istess intimat rikonvenzjonant.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tat-12 ta’ Lulju 2013[7] fejn il-Qorti appuntat lil Dr Phyllis Aquilina bħala perit legali biex tisma’ l-provi bis-soliti fakultajiet u d-digriet tat-28 ta’ Ottubru 2013[8] li bih il-Qorti laqgħet it-talba konġunta tal-partijiet sabiex il-perit legali tiġi sostitwita b’Dr Keith Borg minħabba possibilità ta kunflitt ta interess;

Rat is-sentenza *in parte* mogħtija fil-kawża odjerna fis-16 ta’ Jannar 2019, fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi u *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet;

Rat ir-rikors tal-attur tal-24 ta’ Marzu 2017 li bih l-attur talab li din il-kawża ta’ separazzjoni personali tiġi konvertita għal waħda ta’ divorzju skont l-Artikolu 66F tal-Kap 16 u n-Nota risponsiva tal-konvenuta tat-8 ta’ Mejju 2017 li biha rrinunzjat għad-dritt li tirċievi manteniment mingħand il-konvenut u tgħid li m’għandha l-ebda oġġezzjoni li din il-kawża titqies bħala talba għall-pronunzjament tad-divorzju;

---

[7] Fol. 61.
[8] Fol. 72.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-provi kollha li ġew mressqa quddiem il-Perit Legali;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi tat-28 ta' Frar 2022;[9]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-konvenut tal-21 ta' Ġunju 2022;[10]

Rat ir-rapport maħluf tal-perit legali;[11]

Rat ir-risposti tal-Perit Legali għall-mistoqsijiet li sarulu in eskussjoni permezz ta' Nota mill-attriċi[12] u mill-konvenut[13]

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[14];

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tiegħu, u *ċioé* riassunt tal-provi kollha mressqa mill-partijiet u kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit wara li ħa konjizzjoni tal-atti kollha ta' dan il-każ.

Ir-rapport tal-Perit Legali Dr Keith Borg qed jiġi riprodott testwalment fl-intjer tiegħu:

*DIGRIETI PENDENTE LITE, SENTENZI, U RELAZZJONIJIET RILEVANTI GĦAT-TALBIET U EĊĊEZZJONIJIET*

*7. Permezz ta' digriet datat 20 ta' Mejju 2013, din l-Onorabbli Qorti fdat lil A B C bil-kura u l-kustodja esklussiva ta' bint il-kontendenti E filwaqt li akkordat aċċess għall-istess bint lil D C kull nhar ta' Tlieta u kull nhar ta'*

[9] Fol. 331.
[10] Fol. 354.
[11] Preżentat fl-atti fis-7 ta' Novembru a fol. 1530.
[12] Nota a fol. 1600.
[13] Nota a fol. 1602.
[14] Verbal tal-20 ta' Ġunju 2024 a. fol. 1606.

*Ħamis bejn is-07:30 p.m. u d-09:30 p.m. u kull nhar ta' Sibt bejn is-07:00 p.m. sal-għada l-Ħadd fl-04:00 p.m. Din l-Onorabbli Qorti inoltre ċaħdet it-talba ta' A B C sabiex din tirċevi retta alimentari għaliha iżda ordnat il-ħlas tas-somma ta' EUR200.00 kull erba' ġimgħat in linea ta' manteniment versu l-ħtiġijiet tal-imsemmija bint il-kontendenti. Din l-Onorabbli Qorti ċaħdet inoltre it-talba ta' A B C sabiex tibqa' tirrisjedi flimkien ma' ulied il-kontendneti ġewwa d-dar matrimonjali ad esklużjoni ta' D C "(...) peress illi ma jirriżultawx l-estremi li trid il-ligi (...)".*

*8. Permezz ta' digriet datat 17 ta' Ġunju 2013, din l-Onorabbli Qorti b'żieda mad-digriet premess ordnat "(...) lill-intimat ihallas nofs l-ispejjez ghas-sahha u edukazzjoni tal-minuri (...)".*

*9. Permezz ta' digriet datat 4 ta' Novembru 2013, din l-Onorabbli Qorti b'żieda mad-digriet premess ordnat lil D C "(...) sabiex ihallas il-manteniment dovut kull erba' (4) gimghat fil-kont tal-intimatata A B C mal-bank HSBC Malta bin-numru 040-009441-050 (...)".*

*10. Permezz ta' digriet datat 21 ta' Novembru 2013, din l-Onorabbli Qorti ordnat "(...) lill-partijeit sabiex b'mod ugwali bejniethom ihallsu l-pagamenti dovuti lill-MSV Life (...)" in konnessjoni mal-polza Comprehensive Flexi Plan Baby Bond Policy bir-riferenza numru FP402425.*

*11. Permezz ta' digriet datat 28 ta' Jannar 2014, din l-Onorabbli Qorti ħatret lil Dott. Tanya Sammut bħala Avukat tat-Tfal sabiex "(...) tkellem lill-minuri u tirraporta lura lill-Qorti dwar il-modalita' tal-access tal-missier ghall-minuri E (...)". Permezz imbagħad ta' digriet datat 26 ta' Frar 2014, din l-Onorabbli Qorti, wara li rat ir-rapport ta' Dott. Tany Sammut ordnat illi D C ghandu jkollu aċċess għal bint il-kontendenti kull nhar ta' Ħamis mis-07:00 p.m. sad-09:30 p.m. u fi tmiem il-ġimgħa is-Sibt mis-02:00 p.m. sas-07:00 p.m. u l-ġimgħa ta' wara l-Ħadd mill-11:00 a.m. sal-05:00 p.m.*

*12. Permezz ta' sentenza mogħtija f'Lulju 2014, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lil D C ħati "Wara li rat l-imputazzjoni datata 13 ta' Settembru 2013 miġjuba fil-konfront ta' D C, iven M u Blanche xebba Farrugia, imwieled H'Attard u residenti Apartment 1, Roma Court, Triq Vincenzo Bugeja, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 312370M fejn ġie mixli talli fit-8 ta' Ottubru 2011 fil-fond matriminjali li jinsab il-Kalkara mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel xi*

*ħaġa kontra l-Liġi iżda biss biex jeżerċita dritt jew jedd li jippretendi li għandu fixkel fil-pussess ta' ħwejjeġ A B C billi ħa televiżjoni, DVD player, surround system u €70,000 cash minn l-imsemmi fond matrimonjali." Dik il-Qorti ddeċidiet hekk: "GĦALDAQSTANT : - il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputat D C ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u iżda peress li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ hija tal-fehma li jeżistu l-elementi rikjesti mill-Liġi taħt l-Artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u ċ-ċirkostanzi li seħħew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twaħħal piena, iżda li għandhom jiġu applikati d-dispozizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk il-Qorti qegħda tagħmel ordni li biha tillibera lill-ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor matul il-perijodu ta' sena mid-data tal-lum."*

*13. Permezz ta' digriet datat 18 ta' Novembru 2014, din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lil D C iġib u jottjeni mingħand l-istituzzjoni edukattiva MCAST dik l-informazzjoni kollha relatata mal-edukazzjoni ta' bint il-kontendenti E C.*

*14. Permezz ta' digriet datat 7 ta' Mejju 2018, din l-Onorabbli Qorti ħatret lill-Perit Arkitett Tancred Mifsud sabiex iħejji stima tax-xogħolijiet mwettqa minn D C ġewwa l-immobbli fl-indirizz 12, Maitland Street, il-Ħamrun; din l-Onorabbli Qorti ħatret ukoll lil perit Tekniku Roderick Camilleri sabiex iħejji stima tal-makkinarju, l-istock u l-goodwill tal-ħanut 'S's Tailoring'. Permezz ta' digriet datat 16 ta' Jannar 2019, il-Perit Arkitett Tancred Mifsud ġie sostitwit bil-Perit Arkitett Robert Musumeci.*

*15. Permezz ta' digriet datat 24 ta' Diċembru 2020, din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-Perit Arkitett Godwin Abela sabiex iħejji relazzjoni aġġjornata dwar il-valuri tal-immobbli fl-indirizzi 19, Watermill Street, Kalkara u 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun.*

*16. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar 2019, din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-art. 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijeit ta' Malta ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi C.*

*17. Permezz ta' relazzjoni mressqa fit-3 ta' Novembru 2015, il-Perit Arkitett Godwin Abela kkonkluda 'lli: (a) l-immobbli fl-indirizz 19, Triq is-Sienja, il-Kalkara għandu valur fis-suq ta' EUR105,000.00; u (b) l-immobbli fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun għandu*

*valur fis-suq ta' EUR62,400.00. Din il-valutazzjoni ġiet imbagħad aġġjornata fis-26 ta' Jannar 2021 fejn l-Arkitett ikkonkluda 'lli: (a) l-immobbli fl-indirizz 19, Triq is-Sienja, il-Kalkara għandu valur fis-suq ta' EUR150,750.00; u (b) l-immobbli fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun għandu valur fis-suq ta' EUR81,500.00.*

*18. Permezz ta' relazzjoni mressqa fil-21 ta' Marzu 2019, il-Perit Tekniku Roderick Camilleri kkonkluda 'lli: (a) l-makkinarju sitwat ġewwa l-fond fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun għandu valur fis-suq ta' EUR600.00; u (b) l-istokk sitwat ġewwa l-fond fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun għandu valur fis-suq ta' EUR30,000.00; il-Perit Tekniku kkonkluda wkoll li ma kienx possibbli għalih jasal għall-valur tal-goodwill ta' dan in-negozju.*

*19. Permezz ta' relazzjoni mressqa fis-26 ta' Awwissu 2019, il-Perit Arkitett Robert Musumeci kkonkluda 'lli x-xogħolijiet li saru fl-immobbli fl-indirizz 12, Triq Maitland, il-Ħamrun għandhom valur ta': (a) kwantu għall-mano d'opera EUR5,505 (eskluża Taxxa fuq il-Valur Miżjud); u (b) kwantu għall materjal EUR7,800.00 (eskluża Taxxa fuq il-Valur Miżjud).*

*SEDUTI PEKLI*

*20. In ottemporanza mal-inkarigu mogħti lilu minn din l-Onorabbli Qorti fid-digriet tagħha datat 28 ta' Ottubru 2013, l-istanti żamm sebgħa u ħamsin (57) seduta li kopji tat-traskrizzjonijiet tagħhom qiegħdin jiġu mehmuża ma' din ir-relazzjoni, u mmarkati bħala Dok. 'A', filwaqt li kopja tad-dokumentazzjoni eżibita tul l-istess seduti qiegħda tiġi mehmuża ma' din ir-relazzjoni, u mmarkata bħala Dok. 'B'.*

*21. In dizimpenn tal-istess inkarigu, l-istanti ra u għamel riferenza wkoll għall-atti kollha tal-kawża odjerna.*

*PROVI AKKWIŻITI*

*22. Fl-4 ta' Ġunju 2013 A B C ressqet nota ġuramentata 'lli premezz tagħha ddikjarat illi:*

- *ir-responsabbilita' tal-firda għandha tiġi addebitata lil D C minħabba adulterju, abbandun u aġir vjolenti u abbużiv kemm fuq livell fiżiku u kif ukoll fuq l-livell emottiv;*
- *għandha pretnesjoni ta' retta alimentari versu l-ħtiġijiet tagħha;*
- *għandha tiġi assenjata, akkont ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, l-fond matrimonjali fl-indirizz 19, Watermill Street, il-Kalkara;*
- *għandha tiġi assenjata, akkont ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, terz tal-valur tal- fl-indirizz 12, Maitland Street, il-Ħamrun;*
- *għandha tiġi assenjata, akkont ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, somma flus in ekwiparazzjoni wara li D C jiġi assenjat il-fond, inkluż in-negozju u l-avvjament tal-istess, fl-indirizz 12, Triq Indri Calleja, il-Ħamrun;*
- *għandha tiġi assenjata, akkont ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, il-vettura tal-marka Citroen C1 targata SAR-041;*
- *għandha tiġi assenjata, akkont ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, is-somma ta' EUR35,000;*
- *għandha tiġi assenjata, akkont ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, nofs il-valur tal-polza (savings policy) miżmuma mill-kontendenti mal-kumpannija MSV Life p.l.c.*

*23. Fis-seduta peKli tat-12 ta' Diċembru 2013 xehdet A B C fejn hemmhekk ressqet l-affidavit tagħha. In suċċint, hawnhekk hija tispjega kif hi u D C iżżewwġu fit-30 ta' Marzu 1989 meta hija kienet diġa tqila bl-ewwel tifla tagħhom. Hija tirrakkonta kif l-imġieba ta' żewġha, wara ż-żwieġ, "kienet bdiet tvarja hafna" b'komportament instabbli u mġieba ġieli agressiva. Hija tispjega l-investiment li l-koppja għamlet fil-ħanut S's Tailoring li kien sors tajjeb ta' introjtu għall-familja C. A B C issostni li hekk kif kiber l-introjtu minn dan in-negozju, D C beda' jqatta' aktar u aktar ħin joħroġ ma' sħabu: "D kien sar jiddependi hafna fuq il-hbieb u beda jzid il-hrug u l-ikliet maghhom" Skont A B C, dan il-ħruġ, wassal għal qrubija ma' ċertu Maya Randjelovic, li kienet taħdem ġewwa l-stabbiliment BlackBull li D C kien jiffrekwenta. Is-suspetti ta' A B C li bejn żewġha u din Maya Randjelovic kien hemm xi ħaġa għaddejja, wasslu għal diversi inċidenzi ta' konfrontazzjoni bejn il-kontendenti tant illi hija saħansitra allontanat ruħha mid-dar matrimonjali flimkien ma' bint il-kontendenti E, għal perijodu*

*ta' erbat ijiem. A B C tkompli żżid illi: "F'dan iz-zmien kont inqtajt hafna wahdi. Kont bezaghna u medjqa, pero' mit-tfal kont nahbi kollox. Kont gieli nahseb kellix nitlaq mid-dar ghax kont ili zmien nissaporti l-agir vjolenti u l-abbuz min-naha ta' D." Hija ssostni li D C kien anke beda' jħallas biex jara l-pornografija u tiddeskrivi episodju fejn sabet ħafna kontanti ġewwa bagalja li huwa kien ippakkja sabiex jattendi konferenza ġewwa Ruma. Hija tirrakkonta kif l-għada li telaq "(...) rcevejt mesagg minnghand D fejn infurmani illi sakemm kien ser idum Ruma jien ma kellix nikkuntattjah ghaliex kien ser ikun imhabbat hafna bil-konferenza. Jien kont cempiltlu minnufih u rrispondietni mara li kellha accent barrani. Minnufih issuspettajt li kienet Maya. Jien qtajt mill-ewwel u bdejt nibki kemm niflah ghax ikkonfermajt is-suspett li kelli li D mhux veru kien qieghed konferenza." Mill-verifiki li għamlet, A B C skopriet li ma kien hemm ebda konferenza organizzata mill-kumpannija Cordoba, u li D C kien sewwa sew mar is-Serbja sabiex jiltaqa' ma' Maya Randjelovic: "(...) sirt naf illi sahansitra kien qieghed jibghat il-flus lil Maya minn wara dari." F'Ottubru tas-sena 2011 ir-relazzjoni tal-konjuġi C krollat għal kollox u D C telaq mid-dar; fost affarijiet oħra, miegħu ħa somma flus ta' EUR70,000 li l-konjuġi C kienu ġemmgħu tul iż-żmien. Iżżid illi "Fil-bidu tas-sena 2012 jien skoprejt li qed jiffrekwenta mara ohra (G H) li ghadu maghha sal-lum."*

*24. D C ukoll xehed permezz ta' affidavit maħluf fit-12 ta' April 2018. In suċċint, hawnhekk huwa jispjega kif hu u A B C iżżewwġu fit-30 ta' Marzu 1989 wara għerusija qasira u wara li l-ġenituri tagħha keċċewha mid-dar għall-fatt li nqabdet tqila qabel iż-żwieġ. Huwa jsostni 'lli: "Il-problemi fir-relazzjoni taghna kienu evidenti mill-bidunett, sahansitra fl-gherusija qasira taghna. A kienet pussessiva hafna u ossesjonata u dan fis-sens li kienet tikkmanda kif kelli nilbes, fejn immur, ma' min nitkellem u dejjem riedet kollox kif trid hi." Huwa jirrakkonta li A B C kienet, f'żewġ okkazzjonijiet, inqabdet tisraq il-ħin fuq żewġ positijiet tax-xogħol li kellha; kuntrarjament huwa dejjem stinka sabiex jipprovdi lil familtu bl-aqwa billi f'xi perijodi kien saħansitra jagħmel tlett xogħolijiet. D C isostni 'lli l-karattru pussessiv u ossessjonat ta' A B C holoq diversi problemi fiż-żwieġ tagħhom tant li kien iħossu persegwitat f'daru. Huwa jagħti rendikont dettaljat ta' kif kompla fin-negozju ta' missieru u nannuh permezz tal-ħanut S's Tailoring u jispjega li s-self bankarju meħud mill-bank Bank of Valletta p.l.c. għall-akkwist tal-immobbli fl-indirizz 12, Triq Indri Calleja, il-Ħamrun illum huwa saldat; dwar martu u dan in-negozju huwa jgħid illi: "Malli bdiet tinteressa ruhha, riedet tiehu hsieb il-finanzi tal-hanut billi tmu ghand l-accountant bil-karti tal-VAT jew tat-taxxa. Ghaliha jien ma kontx kapaci*

*mmexxi (ghax m'iniex ta' skola) u kienet tghidli biex inhalli f'idejha." D C ikompli li tul il-ħajja miżżewġa huwa qatt ma hassu aprezzat u maż-żmien beda litteralment jaħrab milli jqatta' ħin id-dar. L-intimta' bejn il-kontendenti spiċċat ukoll; huwa jgħid li A B C kienet dejjem tissuspetta ħażin fih, speċjalment li huwa kellu mara oħra: "L-ossessjoni u ghira li kellha fuqi kienet kbira u mhux biss kienet iddejjaqni izda kienet iggieghelni nisthi."D C isostni li waħda mill-akbar fissazzjonijiet ta' martu kienet dwar Maya Randjelovic, li magħha D C jistqarr li kien u għadu ħabib. Huwa jispjega fid-dettall x'għamel waqt li kien Ruma, kif mar day-trip is-Serbja u hemmhekk ltaqa' mal-ħabib tiegħu Igor u mal-ħabiba tiegħu Maya. Wara episodju fejn huwa sab lil martu għarqana xraba fis-sodda b'sikkina f'idejha, D C iddeċieda li ż-żwieġ tal-kontendenti kien intemm għal kollox u b'hekk huwa telaq mid-dar matrimonjali; miegħu ħa somma flus ta' EUR63,000. Huwa jtenni illi: "Inhoss li fiz-zwieg tieghi, A kienet tabbuzani emozjonalment u li ma kontx qed ngix hajja xierqa."; l-argumenti bejn il-kontendenti kienu anki fiżiċi. D C jgħid ukoll li: "Is-self li kellna fuq id-dar komplejt inhallsu jien wahdi sakemm inqata' kompletament."*

*25. Fit-12 ta' Diċembru 2018 D C ressaqt nota ġuramentata 'lli premezz tagħha ddikjara illi:*

- *ir-responsabbilita' tal-firda għandha tiġi addebitata lil A B C għal dawk ir-raġunijiet minnu premessi fir-risposta ġuramentata tiegħu għall-kawża odjerna u fir rikors rikonvenzjonali minnu mressaq;*
- *l-fond matrimonjali fl-indirizz 19, Watermill Street, il-Kalkara għandu jinbiegħ fis-suq miftuħ;*
- *għandu pretensjoni għal rifużjoni ta' nofs il-ħlasijiet kollha 'lli huwa wettaq minn Ottubru 2011 akkont tas-self mogħti lill-kontendenti mill-bank HSBC Bank (Malta) p.l.c. għall-akkwist tal-fond matrimonjali;*
- *għandu jiġi assenjat il-fond, fl-indirizz 12, Triq Indri Calleja, il-Ħamrun okkorrendo billi jakkwista sehem A B C mill-istess fond;*
- *jsostni 'lli n-negozju u l-avvjament tal-imsemmi fond l-istess A B C ma għandiex sehem minnu in kwantu dan huwa ġid parafernali tiegħu; jsostni wkoll illi l-fond fl-indirizz 12, Maitland Street, il-Ħamrun ukoll huwa ġid parafernali tiegħu;*
- *għandu pretensjoni għal rifużjoni ta' nofs il-ħlasijiet kollha 'lli huwa wettaq minn Ottubru 2011 akkont tas-self mogħti lill-kontendenti mill-bank Bank of Valletta p.l.c. għall-akkwist tal-fond ġewwa l-Ħamrun;*
- *għandha jiġi assenjata, akkont ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, nofs s-somma ta' EUR57,000, ossia s-somma ta' EUR28,500;*

*- għandu jiġi assenjat, akkont ta' sehemu mill-komunjoni tal-akkwisti, nofs il-valur tal-polza (savings policy) miżmuma mill-kontendenti mal-kumpannija MSV Life p.l.c. b'dana 'lli A B C għandha tagħmel tajjeb għal kwalunkwe tnaqqis fil-valur tal-istess, liema tnaqqis seħħ b'konsegwenza diretta tan-nuqqas tagħha li tħallas sehema mill-premia dovuti;*

*- għandu jiġi assenjat, akkont ta' sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, nofs s-somma ta' EUR5,000, ossia s-somma ta' EUR2,500 rappreżentanti din is-somma nofs l-investiment imwettaq mill-kontendenti tramite l-akkwist ta' bonds maħruġa mill-bank HSBC Bank (Malta) p.l.c.;*

*- għandu pretensjoni għar-ritorn ta' oġġetti ta' valur eżigwu u/jew sentimentali u żewġt iċrieket tad-djamanti.*

*26. Fl-istess seduta peKli tat-12 ta' Dicembru 2013 xehdu wkoll:*

*- Jeanette Lepre (K.I. nru. 93157M), in rapprezentanza ta' Lombard Bank plc; din xehdet hekk:*

*"F'isem D C (K.I. nru. 312370M) u A B C (K.I. nru. 18369M) mis-sena 1998 sal-lum ma nstabu ebda kontijiet (separate jew kongunti) jew flimkien ma' terzi."*

*- Katrina Buhagiar (K.I. nru. 599785M), in rapprezentanza ta' Banif Bank Malta plc; din xehdet hekk:*

*"F'isem D C (K.I. nru. 312370M) u A B C (K.I. nru. 18369M) mis-sena 2008 sal-lum ma rrizultali xejn."*

*- David Galea (K.I. nru. 11381M), in rapprezentanza ta' APS Bank Ltd.; dan xehed hekk:*

*"F'isem D C (K.I. nru. 312370M) u A B C (K.I. nru. 18369M) mis-sena 1995 sal-lum ma rrizultali xejn."*

*- Romuald Attard (K.I. nru. 644756M), in rapprezentanza ta' Bank of Valletta p.l.c.; dan xehed hekk:*

*"F'isem D C (K.I. nru. 312370M) rrizultawli s-segwenti:*

*Dok. 'RA1' – current account, nfetah fl-24 ta' Ottubru 1991 u ghadu attiv, mizmum fuqu bl-isem 'D C account S's'.*

*Dok. 'RA2' – visa card.*

*Sibt ukoll kont kongunt bejn l-istess D C u A B C (K.I. nru. 18369M), Dok. 'RA3', li huwa business loan li nfetah fit-30 ta' Mejju 2003 u nghalaq fit-23 ta' Novembru 2012; il-loan gie saldat. Qieghed nigi mitlub nivverifika minn fejn u b'liema mod kien jithallas dan is-self.*

*Inzid illi f'isem A B C wahedha ma rrizultali xejn.*

*Nippreciza 'lli r-ricerka tal-bank tista' ssir biss fuq kontijiet li fl-1997 kienu ghadhom miftuha, cioe' attivi.*

*Nobbliga ruhi li nforni l-informazzjoni mitluba fis-seduta li jmiss tal-10 ta' Jannar 2014 f'12.00 p.m."*

*Dok. 'RA1' b'hekk huwa kont kurrenti intestat f'isem D C a/c S's bin-numru 182-0401301-8; fis-26 ta' Novembru 2013 dan il-kont kellu bilanċ pożittiv ta' EUR1,950.02. Dok. 'RA2' huwa kont BOV Visa Classic intestat f'isem D C bin-numru tal-card 4552401306257043-9000064960; fil-15 ta' Novembru 2013 dan il-kont kellu bilanċ neCiv ta' EUR590.93.*

*- Audrey Ghigo (K.I. nru. 402376M), in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c.; din xehdet hekk:*

*"F'isem D C (K.I. nru. 312370M) u A B C (K.I. nru. 18369M) mill-1996 kwantu ghal kontijiet savings u current u mill-1994 kwantu ghal kontijeit fixed, irrizultawli:*

*Dok. 'AG1' – current account f'isem D C li nfetah fis-26 ta' Settembru 2012 u kien ghadu attiv sad-data ta' din ir-ricerka u cioe' 3 ta' Dicembru 2013.*

*Dok. 'AG2' – current account f'isem D C miftuh fis-7 ta' Novembru 2005 u maghluq fit-18 ta' Settembru 2012.*

*Dok. 'AG3' – visa account f'isem D C miftuh fil-31 ta' Jannar 2007 u maghluq fl-14 ta' Mejju 2013; saldat.*

*Dok. 'AG4' – visa advance account f'isem D C miftuh fit-23 ta' Marzu 2012 u attiv sad-data tar-ricerka precitata.*

*Dok. 'AG5' – loan account f'isem D C saldat u maghluq fid-19 ta' Awwissu 2011.*

*Dok. 'AG6' – loan account f'isem D C li sad-data tar-ricerka precitatat kien ghadu attiv. Skont dan id-dokument jidher li mill-1 ta' Awwissu 2006 sal-15 ta' Settembru 2012 il-pagamenti kienu qieghdin jigu effettwati mill-kont abbinat ma' Dok. 'AG2'; sussegwentement mill-15 ta' Ottubru 2012, il-pagamenti bdew jigu detratti mill-kont abbinat ma' Dok. 'AG1'.*

*Nobbliga ruhi li fis-seduta li jmiss inwettaq ricerka fuq prokuri moghtija jew ricevuti mill-partijiet. Ahna nirritjenu dokumenti ghal perijodu ta' ghaxar snin; dan rigward kontijiet.*

*F'isem A B C irrizultawli:*

*Dok. 'AG7' – saving account miftuh fis-7 ta' Ottubru 2003 u attiv sad-data tar-ricerka precitata.*

*Dok. 'AG8' – savings account miftuh fil-5 ta' Lulju 1989 u maghluq fil-21 ta' Ottubru 1996.*

*Dok. 'AG9' huwa loan account f'isem iz-zewg partijiet li nfetah fit-8 ta' Novembru 2005 u nghalaq bhala saldat fid-9 ta' Settembru 2009.*

*Dok. 'AG10' huwa term deposit account f'isem iz-zewg partijiet li nfetah fil-21 ta' Novembru 2007 u nghalaq fil-21 ta' Mejju 2008.*

*Dok. 'AG11' huwa current account f'isem iz-zewg partijiet li nfetah fid-19 ta' Ottubru 1996 u nghalaq fis-7 ta' Novembru 2005.*

*Dok. 'AG12' huwa loan account f'isem iz-zewg partijiet li nfetah fit-12 ta' Gunju 2001 u nghalaq fl-4 ta' Jannar 2005.*

*Dok. 'AG13' huwa savings account f'isem iz-zewg partijiet li nfetah fid-19 ta' Ottubru 1996 u nghalaq fit-18 ta' Lulju 2001."*

*Dok. 'AG1' b'hekk huwa kont kurrenti intestat f'isem D C bin-numru 023-175888-001; fis-26 ta' Settembru 2013 dan il-kont kellu bilanċ neCiv ta' EUR15.19. Dok. 'AG4' huwa kont HSBC Advance Visa Account intestat f'isem D C bin-numru tal-card 4035710035891931; fit-23 ta' Mejju 2013 dan il-kont kellu bilanċ pożittiv ta' EUR12.66. Dok. 'AG6' huwa kont ta' self intestat f'isem D C bin-numru 15007078; fit-3 ta' Diċembru 2013 dan il-kont kellu bilanċ neCiv ta' EUR542.15. Dok. 'AG7' huwa kont savings intestat f'isem A B C bin-numru 040-009441-050; fis-16 ta' Ottubru 2013 dan il-kont kellu bilanċ pożittiv ta' EUR2,471.28*

*- Arabella L (K.I. nru. 56381M), in rapprezentanza tal-Malta Stock Exchange; din xehdet hekk:*

*"F'isem D C (K.I. nru. 312370M) u A B C (K.I. nru. 18369M) mill-1989 sal-lum ma rrizultali xejn kif jidher minn Dok. 'AM'."*

*27. Fis-seduta peKli tal-10 ta' Jannar 2014 reġgħu xehdu:*

*- Audrey Ghigo (K.I. nru. 402376M), in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c.; din xehdet hekk:*

*"Il-kont bin-numru 023175888001 f'isem D C ma ghandu ebda prokura abbinata mieghu. Filfatt prokuri jezistu fuq il-kont 040081952001 f'isem D C. Il-prokura kienet inghatat lil A B C u giet kancellata fit-18 ta' Settembru 2012. Ukoll, fuq kont tal-credit card 4568823163262554 A B C kellha supplementary card bin-numru 4568823169125169. Ir-ricerka li ghamilt saret fuq il-kontijiet kollha taz-zewg partijiet. Qieghda nipprezenta Dok. 'AGX' relattiv ghall-informazzjoni dwar il-prokura."*

*- Romuald Attard (K.I. nru. 644756M), in rapprezentanza ta' Bank of Valletta p.l.c.; dan xehed hekk:*

*"Qieghed f'pozizzjoni li nikkonferma li dwar il-joint loan account numru 40012589977 ir-repayments kienu jsiru minn kont numru 18204013018 mizmum minn D C, 'D C account S's'. Dan permezz ta' satnding order. Dan il-loan account gie saldat fit-23 ta' Novembru 2012. "*

28. Fis-seduta peKli tal-14 ta’ Frar 2014 xehdet Ylenia L Grimaud (K.I. nru. 38379M), in rapprezentanza ta’ MSV Life p.l.c.; din xehdet hekk:

“Gejt mitluba nforni dettalji dwar polza bin-numru FP402425 u qieghda nipprezenta Dok. ‘YMG1’ li juri l-informazzjoni kollha dwar il-polza u metodi ta’ pagament. It-tieni pagna ta’ dan id-dokument turi rendikont tal-pagamenti li saru; hlasijiet li jkunu pendent jibqghu hekk pendenti. Nispjega li mbaghad jiskatta l-APL li hu compost mill-premium maghduda l-interessi li jigu mnaqqsa mill-policy account value. Dan it-tnaqqis jibqa’ jsehh sakemm ikun hemm fondi fil-polza. APL tfisser Annual Policy Loan. Polza ma tigix imsarrfa minghajr il-kunsens taz-zewg partijiet. Meta t-tnaqqis tal-APL iwassal li ma jibqghux aktar fondi fil-polza, din tigi ‘lapsed’; f’dan il-kaz il-policy holders ma jiehdu xejn.”

Skont dan id-dokument in-Net Surrender Value ta’ din il-poza huwa ta’ EUR8,940.02. Il-Policy Account Value (saved up in polcy for maturity) huwa ta’ EUR13,821.61. Outstanding premia plus interest are NOT deducted.

29. Fis-seduta peKli tas-17 ta’ Frar 2014 xehed Carmel Attard (K.I. nru. 377463M); dan xehed hekk:

“OriGrjament jien naf lil missier il-konvenut li kont nghamillu xi xoghol; jiena konsulent finanzjarju. Xi zmien missier il-konvenut kien waqaf juza s-servizzi tieghi izda fl-2001 gejt approccjat mill-konvenut li qalli li missieru kien ghaddielu l-going concern bin-negozju b’kollox tal-kiri tal-hwejjeg tat-tigijiet bl-isem ‘S’s Tailoring’. Fl-2001 nispjega li l-konvenut kien impjegat ma’ terzi u cioe’ ma’ Seguna Woodworks.

Qieghed nezibixxi tnax (12)-il formola tat-taxxa nkluzi profit and loss accounts ghal kull formloa li jkopru minn sena bazi 2001 sa sena bazi 2012, lkoll kompilati mill-ufficju tieghi (Dok. ‘CA1’ – ‘CA12’). Tas-sena 2013 ghada trid tigi kkumpilata u dan probabbilment isir f’Mejju tas-sena kurrenti.

Qieghed nezibixxi wkoll tlieta u hamsin (35) formola tal-V.A>T. li jkopru minn April 2001 sa Dicembru 2013 (Dok. ‘CAX1’ – ‘CAX53’). Nixtieq nghid ‘lli l-partijiet ghandhom kopja tad-dokumenti kollha ezibiti minni stante li dejjem jigu fornuti b’kopja flimkien mal-fattura teighi. Ahna konna nibaghtu kopja wahda lill-partijiet.

*Ezami sospiz.*

*In kontro-ezami nghid illi domt niehu hsieb l-accounting tan-negozju ta' missier il-konvenut ghal aktar minn hames snin; dan in-negozju kien tal-istess generu ta' dak kurrenti u dejjem niftakar lil missier il-konvenut jghid li dan in-negozju kien wirtu minghand missieru li kien jismu S.*

*Fl-2001 ma nistax nghid kienx hem djun tan-negozju peress illi, kif diga' spjegajt, missier il-konvenut kien waqaf juza s-servizzi tieghi.*

*Mill-2001 sal-lum l-informazzjoni biex nikkompila l-accounting kienet tigi f'perijodi differenti miz-zewg partijiet. Ghall-bidu kien jiehu hsieb kollox il-konvenut; ghal xi zmien kienet tigi l-attrici u dan l-ahhar rega' beda jigi l-konvenut. Ghall-management meetings (li kienu jsiru ad hoc) kienu jigu z-zewg partijiet u jiltaqghu mieghi personalment.*

*Id-dettalji fid-dokumenti kollha ezibiti, cioe' formoli, jimtlew mill-personell tieghi.*

*Nikkonferma 'lli meta fl-2001 ha over il-konvenut, kien hemm stock bla valur peress li dan kien qadim. Dak iz-zmien il-konvenut ghazel li jkompli jahdem bih sakemm jirrimpjazzah bil-mod il-mod; kien he li ghazel li jiddikjara l-istock bla valur (ara Dok. 'CA1'). Ghal din ir-raguni, ix-xiri baqa' dejjem jigi trattat bhala 'consumables' u mhux bhala 'stock'. Skont il-konvenut, dan ix-xoghol irid jitqatta', jintrema u jinbidel. Dan l-istock, bhala 'consumable' jikkonsisti fi hwejjeg ghall-kiri li peress li huwa oggett li ssirlu hsara ma jaqbilx li jigi trattat bhala stock.*

*Id-dokumenti ezibiti minni gew kompilati u registrati f'isem iz-zewg partijiet. Fl-14 ta' Gunju 2013, il-konvenut talab li jigu mifruda d-dikjarazzjonijiet fiskali; dan seta' sar sas-sena bazi 2013."*

*Kontro-ezami sospiz.*

*In ri-ezami nghid li jien ma kont bl-ebda mod involute fit-trasferiment tan-negozju ghal fuq il-konvenut. Jidhirli li l-konvenut fl-2001 kien qalli li kien hallas xi dejn tan-negozju ta' missieru izda jien figure f'dan ir-rispett ma rajtx. L-istock li xehedt dwaru li kien jezisti fl-2001 rajtu b'ghajnejja.*

*Makkinarju kien hemm ukoll izda dan ma giex kwantifikat peress illi jien ma inix intiz f'dan ix-xoghol.*

*Il-makkinarju ma jidholx fil-profit and loss peress li huwa fixed asset izda l-istocks, li kieku kienu vijjabbli, kelhom jidhru bhala opening stock fil-profit and loss account."*

*Is-segwenti huwa sunt tal-profit and loss accounts imsemmija minn dan ix-xhud u li abbażi tagħhom ġiet kompilata tul is-snin, sena wara sena l-Formola tat-Taxxa fuq l-Income u Self Assessment u d-Denunzja ta' Taxxa lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud:*

*Dok. 'CA1' – bejn April u Diċembru 2001 – net profit ta' LM2,356.85*
*Dok. 'CA2' – bejn Jannar u Diċembru 2002 – net profit ta' LM3,268.37*
*Dok. 'CA3' – bejn Jannar u Diċembru 2003 – net profit ta' LM4,036.35*
*Dok. 'CA4' – bejn Jannar u Diċembru 2004 – net profit ta' LM6,506.10*
*Dok. 'CA5' – bejn Jannar u Diċembru 2005 – net profit ta' LM6,501.16*
*Dok. 'CA6' – bejn Jannar u Diċembru 2006 – net profit ta' LM6,900.54*
*Dok. 'CA7' – bejn Jannar u Diċembru 2007 – net profit ta' LM5,541.52*
*Dok. 'CA8' – bejn Jannar u Diċembru 2008 – net profit ta' EUR13,232.55*
*Dok. 'CA9' – bejn Jannar u Diċembru 2009 – net profit ta' EUR13,647.27*
*Dok. 'CA10' – bejn Jannar u Diċembru 2009 – net profit ta' EUR13,939.63*
*Dok. 'CA11' – bejn Jannar u Diċembru 2011 – net profit ta' EUR13,954.93*
*Dok. 'CA12' – bejn Jannar u Diċembru 2012 – net profit ta' EUR15,569.35*

*30. Fis-seduta peKli tad-9 ta' April 2014 xehed l-Ispettur Frank Sammut (K.I. nru. 210578M); dan xehed hekk:*

*"Qieghed nipprezenta erbatax (14)-il rapport (Dok. 'FS1' – Dok. 'FS14') bejn it-3 ta' Novembru 2007 u t-18 ta' Jannar 2014. Dawn ir-rapporti huma kollha fil-konfront ta' D C u jikkoncernaw allegati offizi dwar manteniment, vjolenza domestika, access ghal minorenni u pretended rights.*

*Ittiehdu proceduri penali fuq is-segwenti rapport: 'Dok. FS2', 'Dok. FS4', 'Dok. FS10' (dwar da nil-proceduri ghadhom pendenti, 'Dok. FS13' (dwar dan ittiehdu proceduri izda rrizulta li l-attrici kellha zball fil-kalkoli taghha; nispjega li l-proceduri nhargu biss fuq ic-chargebook taghna, konsegwentement, il-konvenut qatt ma tressaq.) L-attrici wara li kellimtha anke jien personalment accettat l-izball taghha li lili dehrli li kien zball genwin. Ghalhekk, minkejja t-talba tas-Sur C, jien ma pprocedejtx kontra*

*s-Sinjura C ghal rapport falz. Dok. 'FS14', bhala rapport, isegwi lil Dok. 'FS13'.*

*Ir-rapport Dok. 'FS2' ma nafx giex deciz u l-ezitu tal-kawza. Ir-rapport Dok. 'FS4' lanqas ma naf giex deciz u l-ezitu tal-kawza.*

*Qieghed nipprezenta wkoll hames (5) rapport (Dok. 'FS15' – Dok. 'FS19') li saru minn Ardian C bejn it-2 ta' Awwissu 2012 u l-21 ta' Novembru 2013. Dawn jikkoncernaq access ghall-minorenni, pretended rights u harassement.*

*Ittiehdu proceduri penali fuq rapport Dok. 'FS17' (proceduri ghadhom pendenti) u Dok. 'FS18'.*

*Ma naf xejn dwar l-incident rapportat f'Dok. 'FS18' anke 'l ghaliex id-distrett tieghi huwa dak ta' Bormla."*

*31. Fis-seduta peKli tal-21 ta' Mejju 2014 xehdu:*

*- Christina Caruana (K.I. nru. 428687M), in rapprezentanza ta' Corinthia Group of Companies; din xehdet hekk:*

*"Jiena nahdem fil-Corporate Office tal-Corinthia Group, precizament fl-ufficcju tal-Company Secretary. Nispjega li l-Corinthia Group huwa ffurmat minn diveri kumpanniji. Uhud minn dawn ghamlu negozju ma' 'S's Tailoring'.*

*Dok. 'CC1' (tnax (12)-il pagna) juri negozju bejn Corinthia Palace Hotel Co. Ltd u S's Tailoring. Dan id-dokument jikkonsisti f'diversi fatturi. It-timbru 'PAID' ifisser li l-fattura tkun giet saldata. Ghandniex fil-pussess taghna ricevuti jkolli nivverifika.*

*Dok. 'CC2' (sitta u tletin (36) pagna) jirreferi ghal Corinthia Palace Hotel & SPA u ghal darb'ohra jikkonsisti f'numru ta' fatturi. Mir-ricerka li ghamilt jien jidher li dawn il-fatturi huma kollha saldati. Ghal darb'ohra nghid li dwar ricevuti jkolli nivverifika.*

*Nispjega wkoll li kull entita' fi hdan il-Corinthia Group ghandha accounting system distint u ghalhekk il-fatt li fattura ma tkunx ittimbrata 'PAID' ma jfissirx li ma thallsitx.*

*Dok. ‘CC3’ (tnejn u ghoxrin (22) pagna) jirreferi ghal Palm City Ltd. Ma’ S’s Tailoring ghandna credit term ta’ disghin (90) jum u ghalhekk nimmaG li xi fatturi ricenti jista’ jkun li ma jkunux saldati.*

*Dok. ‘CC4’ (tmienja u tletin (38) pagna) jirreferi ghal Corinthia San Gorg Hotel.*

*Ir-ricerka saret kif mitluba mill-bidu tas-sena 2011.*

*Ma nafxkemm ilha r-relazzjoni kummercjali bejn Corinthia Group of Companies u S’s Tailoring. Ma inix f’pozizzjoni li nghid b’certezza jezistix/ux kuntratt/I li jiregola din ir-relazzjoni. Din ir-relazzjoni ghadha tezisti sal-lum.”*

*- James Schriha (K.I. nru. 522184M), in rapprezentanza ta’ Vassalo Builders Ltd. u Care Malta Ltd.; dan xehed hekk:*

*“Jiena nokkupa l-kariga ta’ financial controller tal-kumpannija Care Malta Ltd.*

*Nispjega ‘lli z-zewg kumpanniji rapprezentati minni huma sister companies bil-mother company tkun Vassallo Bulders Group Ltd. Ghalkemm ma ghandix access ghall-informazzjoni ta’ Vassallo Builders Ltd., dwar l-ingunzjoni odjerna vverifikajt mal-financial controller ta’ din tal-ahhar li hu Carl Cassar.*

*Infurmat minn dan Cassar ‘lli mill-2011 ‘l quddiem Vassallo Builders Ltd. ma ghamlitx negozju ma’ ‘S’s Tailoring’. Care Malta Ltd. l-ahhar li nnegozjat ma’ S’s Tailoring kien fl-2011.*

*Qieghed nipprezenta bhala Dok. ‘JS1’ (hdax (11)-il pagna) numru ta’ fatturi u ricevuti fir-rispett tan-negozju li sar bejn S’s Tailoring u Care Malta Ltd. u Care Malta Mellieha Ltd. li wkoll tifforma parti mill-grupp ta’ kumpanniji u ghandi access ghall-informazzjoni mizmuma minnha.*

*Dok. ‘JS1’ jirrapprezenta n-negozju kollu li sar bejn S’s Tailoring u l-grupp ta’ kumpanniji. Ma hemm ebda ammont dovut lil S’s Tailoring.”*

*32. Fis-seduta peKli tal-24 ta' Gunju 2014 xehed Mark Zahra (K.I. nru. 272985M), in rapprezentanza ta' James Caterers Ltd.; dan xehed hekk:*

*"Jiena l-financial controller tal-kumpannija minni rapprezentata. Fil-passat, il-kumpannija ghamlet negozju ma' 'S's Tailoring' u meta nghid fil-passat nispjega 'lli dan huwa passat ricenti bl-ahhar fattura datata 18 ta' Novembru 2013.*

*Qieghed nipprezenta sitt (6) fatturi (Dok. 'MZ1' – Dok. 'MZ6') li juru n-negozju kollu li sar ma' S's Tailoring. Doks. 'MZ7' u 'MZ8' juru li s-sitt fatturi huma kollha mhallsa.*

*Jekk jinqala' l-bzonn, negozju ma' S's Tailoring nafu naghmlu.*

*Minkejja li ma nistax nikkonferma mija fil-mija ma jidhirlix li hemm pendenzi ohra bejn il-kumpannija minni rapprezentata u S's Tailoring."*

*33. Fis-seduta peKli tal-24 ta' Settembru 2014 xehed il-Perit Godwin Aquilina (K.I. nru. 789050M); dan xehed hekk:*

*"Qiegħed nippreżenta Dok. 'GA' li jikkonsisti f'istima tal-valur ta' zewg immobli. L-inkarigu tawuhli l-partijiet li kienu prezenti meta accedejt ghall-fond tal-Kalkara. Nispjega li meta accedejt ghal fond tal-Ħamrun kien prezenti biss il-konvenut. Niftakar li kien oriGrjament ikkomunika mieghi l-konvenut.*

*Kwantu ghall-immobli gewwa l-Ħamrun jien stmajt dan l-immobli kif moghni bil-liċenzji kummercjali. In-negozju ma stmajtux."*

*Il-Perit Godwin Abela forna is-segwenti stejjem: (a) l-immobbli fl-indirizz No. 12, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun – EUR88,540; u (b) l-immobbli fl-indirizz No. 18, Watermill Street, il-Kalkara – EUR100,190.*

*34. Fis-seduta peKli tat-18 ta' Frar 2015 xehdet Stephanie L (K.I. nru. 159969M); din xehdet hekk:*

*"Lill-attrici nafha wara li kienet tkellmet ma' Fr. Saviour Grima, Direttur tal-Millenium Chapel, li mbaghad irriferiha lili. Dan kien fl-2011.*

*Jiena psycotherapist u nkarigata mis-servizz ta' counselling fil-Millenium Chapel. Nispjega li notamenti dwar dan il-kaz m'ghandiex ghaliex l-obbligu ta' retention huwa ta' sentejn.*

*Lill-attrici domt nipprestalha servizzi ta' counselling ghal xi xhur; l-attrici kienet tigi tkellimni madwar darba fil-gimgha.*

*Il-problema tal-attrici kienet tirrigwarda diffikultajiet matrimonjali. Jidhirli li l-ilment taghha kien li zewgha kien siefer u li kien gidbilha dwar din is-safra; kienet sabet xi provi f'dan is-sens. Bdiet tissuspetta li seta' mar jiltaqa' ma' mara ohra barra minn Malta. Hdimna fuq dawn il-bizghat u dwar x'setghet taghmel fic-cirkostanzi.*

*Jiena hallejtha titkellem dwar is-sitwazzjoni taghha fejn hallejtha tiftah qalbha.*

*Il-provi li semmejt kienu dwar xi differenzi bejn fejn il-konvenut kien qalilha li sejjer u dak li beda jimmarka xi GPS. Kien hemm xi affarijiet ohra pero ma nistax niftakarhom.*

*Jiena rrakkomandajt lill-attrici li tavvicina lil zewgha jew jattendu ghal sessjonijiet mieghi flimkien. Lili l-attrici qaltli li kienet talbet lil zewgha biex jattendi u gew flimkien ghal session wahda. Wara din is-session kelli biss session mal-attrici wahedha. F'dan l-istadju l-focus ta' xogholi kienu li nqajjem awareness fl-attrici tas-sitwazzjoni taghha u ta' x'setghet taghmel f'din l-istess sitwazzjoni.*

*Iddiskutejna diversi options li biex inkun onesta ma niftakarx x'kienu; niftakar biss li giet diskussa l-option l-attrici tibqax jew le fiz-zwieg taghha. Minkejja dan, il-focus principali kien dwar kif dan iz-zwieg jista' jigi salvat.*

*Niddeskrivi l-istat tal-attrici bhala wiehed imwegga' u nkwetat hafna; kellha hafna stress. Kienet ghaddejja minn mument hazin hafna u waqt is-sessions kienet tibki hafna.*

*Dwar finanzi tkellimna wkoll pero dettall ma nistax niftakar."*

*35. Fis-seduta peKli tat-23 ta' Frar 2015 xehed Fr. Saviour Grima (K.I. nru 160772(M)); dan xehed hekk:*

*"Mis-sena 2010 sas-sena 2014 jien kont direttur il-Millenium Chapel. Kull min kien jattendi hemmhekk kien jaqa' taht ir-responsabbilita' tieghi. Lill-attrici ltqajt maghha f'Ottubru tas-sena 2011 meta kienet giet tkellimni dwar il-problemi taghha li kienu problemi matrimonjali. Hi kienet f'dak iz-zmien ghaddejja minn perjodi ta' tensjoni, l-ambjet tad-dar matrimonjali kien qieghed ukoll joholqilha hafna tensjoni.*

*L-attrici kellmitni dwar il-problemi tal-koppja u l-ghan taghha kien li ssalva z-zwieg. Kien hemm problema ta' komunikazzjoni bejn il-koppja, diffikultajiet fit-trobbija tat-tfal fis-sens li kienet qed thoss li kienet qed terfa' l-piz kollu wahedha.*

*Jien ssuggerejtilha li tfittex ghajnuna u mill-Kappela stess sibtilha counselling services. Jiena tlabt ukoll li ssir laqgha bejni, bejnha u l-konvenut.*

*Fl-ewwel laqgha li kelli mal-attrici wahedha niftakar li l-attrici semmietli xi suspetti ta' infedeltà da parti tar-ragel taghha. Bghatta wkoll ghand tabib ghax kienet ghaddejja minn stat ta' tensjoni li kienet qieghda taffetwalha sahhitha".*

*36. Fis-seduta peKli tal-15 ta' April 2015 xehdu:*

*- Joseph Chircop (K.I. nru. 143067M), in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali; dan xehed hekk:*

*"Qieghed nipprezenta Dok. 'JC1' li juri li l-attrici ilha mis-16 ta' Frar 2013 tippercepixxi ghajnuna socjali. Tippercepixxi, kif jidher mill-istess document, ghajnuna supplementary; dan mit-23 ta' Awwissu 2014.*

*Dok. 'JC2' juri li hi tiehu wkoll children's allowance; illum ma ghadiex tiehu statne li da nil-beneficcju waqaf fit-13 ta' Gunju 2014.*

*Biex l-attrici kkwalifikat ghall-ghajnuna socjali, din issodisfat is-segwnti parametric: (a) anqas minn EUR14,000 kapital eskluz ir-residenza taghha; (b) ma tkunx impjegata minhabba li tiehu hsieb lil xi had jew minhabba inkapacita' gejja mill-mard.*

*Jekk il-kapital tal-individwu jirrizulta li jkun jaqbez l-EUR14,000, id-Dipartiment iwaqqaf l-ghajnuna socjali u jista' anke jitlob rifuzjoni.*

*L-EUR14,000 li semmejt jinhadem fuq il-kapital tal-persuna u f'kaz li din ikollha capital in komun mal-konjugi jew ma' terzi jittiehed kont ta' sehema skont il-kaz.*

*Muri Dok. 'JC3', ezibit mill-attrici nikkonferma li din hi kopja mill-file tad-Dipartiment."*

- *Joseph Caruana (K.I. nru. 709057M), in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.; dan xehed hekk:*

*"Mitlub nixhed dwar trasferiment ta' EUR11,500 mill-kont B.O.V. numru 18204013018 f'isem D C a/c S's ghal kont numru 40012042744, datat 20 ta' April 2013, nghid li dan sar wara s-sentenza numru 761/2011 li qieghed nezibixxi kopja taghha bhala Dok. 'BOV1'.*

*Is-self, consumer loan, numru 40012042744, wara dan il-hlas kien fadallu zbilanc ta' EUR5,098.89. Kif jidher minn Dok. 'BOV2', sat-30 ta' Settembru 2014 saru erba' pagamenti. Nobbliga ruhi li nikkonferma min wettaq dawn il-pagamenti."*

*37. Fis-seduta peKli tal-15 ta' Ġunju 2015 reġġħu xehdu:*

- *Joseph Caruana (K.I. nru. 709057M), in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.; dan xehed hekk:*

*"Nista' nipprezenta kopja ta' att pubbliku datat 13 ta' Lulju 2001 in atti tan-Nutar Dottor Carmelo Mangion minn fejn jidher li l-attrici ma hijiex granti tas-self hemm imsemmi; da nil-kuntratt irrizultali mir-records tal-bank – Dok. 'JCX1'.*

*Doki. 'JCX2' u 'JCX3' juru l-audit trail tas-somma ta' EUR11,500 li jien gejt mistoqsi dwarha f'seduta precedenti. Il-bilanc rizultanti minn Dok. 'JCX3' ma nafx f'liema stat jinsab; nista' nivverifika."*

- *Fr. Saviour Grima (K.I. nru. 160772M); dan xehed hekk:*

*"Fil-laqgha li kelli mal-attrici wahedha kellmitni dwar it-turbolenzi fiz-zwieg. Kellmitni dwar id-diffikultajiet fiz-zwieg taghha u dwar suspetti. Bdiet thoss infedelta' da parti ta' zewgha. Spjegatli li t-tensjoni matrimonali bdiet teffettwa lill-ulied u anke lilha psikologikament. Jiena ghalhekk irriferejt lill-attrici ghall-counselling.*

*Wara din l-ewwel laqgha kien hemm diversi laqghat ohra.*

*Is-suspetti li kellha l-attrici kienu gejjin minn rendikont bankarju li kien juri attivita' gewwa s-Serbia meta l-konvenut kellu jkun Ruma fuq xoghol. Dan ir-rendikont urietuli. Wara dan l-espisodju jien hallejt il-kaz f'idejn il-councillor.*

*L-attrici semmietli wkoll xi vjolenza li kienet sehhet fil-passat; kienet qaltli li l-konvenut kien refa' jdejh fuqha u li kienet qed tibza' li jerga jsehh l-istess. Kienet ukoll semmietli cirkostanza fejn l-attrici kienet thalliet bla flus ghal xi sitt gimghat. L-uniku raguni, skont hi, kienet pika.*

*Niftakar li kienetvqaltli wkoll li kien hemm zmien meta hi u t-tfal kienu jorqdu f'kamra waħda ghax it-tfal bdew jibzghu li ser jittiehdu fizikament minn missierhom. Semmietli li t-tfal kienu qieghdin jibzghu sforz il-glied u l-ghajjat li kien qed isehh bejn il-koppja.*

*In kontro-ezami nghid illi l-attrici avvicinatni l-ewwel darba f'Settembru / Ottubru 2011; qatt ma kont nafha qabel. Jien qed nixhed mill-memorja peress li appunti ma nzommx u ma nistax inzomm minhabba data protection.*

*Dwar ir-rendikont li rajt u li semmejt nghid li jiena ma kelli ebda mod kif nikkostata li kien hemm transazzjoni jew aktar li saret gewwa s-Serbia; dan qaltuli l-attrici li kellha wkoll suspett li zewgha ma kienx Ruma 'l ghaliex minn darhom kien naqas il-G.P.S.*

*Lit-tfal tal-partijiet qatt ma kellimthom. Il-perijodu ta' sitt gimghat li semmejt niftakar li kien fil-bidu li l-partijiet kienu ser jibdew jisseparaw.*

*In ri-ezami nghid li ma niftakarx 'l ghaliex l-attrici semmietli proprju s-Serbia u Belgrade. Kopja tad-dokument ma nghatajtx; rajtu biss u jekk nerga' narah x'aktarx ma niftakrux.*

*In kontro-ezami nghid li ma niftakarx lil min kien intestate il-kont li tiegu gejt muri rendikont."*

*38. Fis-seduta peKli tat-8 ta' Lulju 2015 reġa xehed Joseph Caruana (K.I. nru. 709057M), in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.; dan xehed hekk:*

*"Dok. 'JCX1' juri statement of account tal-consumer loan numru 40012042744. Fit-23 ta' Marzu 2015 il-bilanc ta' dan is-self gie trasferit gewwa loan account numru 40028178555 – Dok. 'JCX2'. Dok. 'JCX3' juri li l-ahhar pagament akkont ta' dan is-self sar fit-22 ta' Ottubru 2013."*

*39. Fis-seduta peKli tas-17 ta' Novembru 2016, xehed D C, kif prodott minn A B C; dan xehed hekk:*

*"Jiena hajjat tal-hwejjeg tal-irgiel. Gieli nixtri drapp u hwejjeg mil-lokal jew mill-esteru u gieli nhitu ahna. Nixtri minn diversi suppliers ta' barra minn Malta; nobbliga ruhi li f'seduta ohra nipproduci lista. Fost is-suppliers lokali hemm: Strantex, Rapid Exchange, Lambs, JB Stores, Sewing Centre, Alberto Serra, A2 International, Zig Zag Embroideries.*

*Jien nhit ix-xoghol u fejn ma nafx jew fejn ma nlahhaqx inqabbad lin-nies.*

*ix-xoghol, minhabba s-sekwestru tal-mara inhallsu cash u tramite l-accountant Charles Attard. Paga ma ghandix; jekk ikun hemm niehu, jekk le, le. Il-qliegh/profit tal-hanut ma nafx kif jinqasam; wara li jithallsu l-ispejjez ecc. Il-profitt inzommu jien.*

*Ix-xoghol ta' barra nordnah online jew through e-mail. Gieli mmur nakkwistah jien personalment minn diversi pajjizi li bl-amment ma niftakarhomx; nobbliga ruhi li nipproduci lista.*

*Fi zmien il-konvivenza matrimonjali, fil-hanut kont nahdem jien. Marti qatt ma riedet tigi l-hanut qabel mal-hanut ufficjalment ikun tieghi. Wara li miet missieri, u n-negozju gie f'idejja, marti kienet tigi l-hanut mill-04.30 p.m. sas-06.30 p.m., kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Hamis. Missieri qabel ma miet qalibli n-negozju f'ismi; fuq is-sodda tal-mewt baghtni ghand l-Avukat Ian L sabiex jiehu hsieb it-trasferiment. Id-dokumenti tat-trasferiment qieghdin ghand il-mara. L-immobbli, ossia l-hanut, bhala binja nxtara fiz-zwieg. Jien ghandi zewgt ahwa. Huti gew ikkumpensati fil-wirt bi hwejjeg*

*ohr. In-negozju gie trasferit lili 'l ghaliex kont jien fost l-ahwa li dejjem hdimt fih.*

*Il-proprjeta' fejn qed nghix bhalissa hija tieghi, wirt ta' missieri wkoll. Dan huwa 12, Maitland Street, Hamrun. Ilni nghix hawnhekk sentejn; qabel fih kienet tirrisjedi ohti. Kemm ilni nghix hawnhekk ghamilt xi xogholijiet ta' dawl, ilma, tibjid. Hafna mix-xoghol ghamiltu jien wahdi u/jew bil-ghajnuna ta' shabi. Kemm infaqt ma nafx u ricevuti ma ghandix. Bdilt ukoll il-madum u l-kamra tal-banju. Ghamilt, ossia bnejt soda, speci ta' gwadarobba u kcina. Xtrajt sufan. Television kont hadtu mid-dar matrimonjali. Il-madum xtrajtu minghand MRCD u l-kamra tal-banju minghand Carini stores."*

*40. Fis-seduta peKli tas-6 ta' Frar 2017, reġa xehed D C, kif prodott minn A B C; dan xehed hekk:*

*"Nghid illi s-suppliers fin-negozju tieghi huma: 1. Sonia Spencer (gewwa l-Ingilterra), 2. Martin Mills (gewwa l-Ingilterra), 3. Christie's hats (gewwa l-Ingilterra), 4. Danny's (gewwa l-Ingilterra), 5. Corbora (gewwa l-Italja), 6. cufflinks.com. Dawn il-mara taf bihom. Ircevuti tal-ispejjez ghall-allestiment tal-proprjeta' gewwa l-Hamrun ma ghandix.*

*Is-suppliers tal-Ingilterra qieghdin:*

*1. Sonia Spencer – ma nafx;*
*2. Martin Mills – Leeds;*
*3. Christie's hats – Londra;*
*4. Danny's – Londra, pero' m'inix cert;*

*Corbora ghandhom diversi hwienet imxerrda mal-Italja.*

*Dawn nikkomunika maghhom via e-mail. Leeds mort darba, ghand Corbora mort darba gewwa Rimini u Como (fl-istess okkazjoni) u ghand l-ohrajn qatt ma mort. Ghand Corbora mort ftit qabel ma tlaqt mid-dar; domt xi tlett ijiem u kont attendejt konferenza organizzata minnhom. Ma niftakarx f'liema xahar pero' bbukjatli l-mara.*

*Li kont naghmel fin-negozju, marti kollu kienet taf bih; il-mara kienet tghini u kienet tinzel il-hanut darbtejn fil-gimgha. L-aspett tal-karti tan-negozju kienet tiehu hsiebu l-mara.*

*Muri Dok. 'X1' nikkonfermah u nzid li din is-sentenza ma gietx appellate. Wara din is-sentenza jien hallast lill-bank a saldu. Il-flus ittiehdu mill-kont tieghi 'l ghaliex jien biss minn huti kelli l-flus.*

*Flejjes ohra lil hija ma ghaddejtx.*

*Jien illum qieghed f'relazzjoni; warakollox bhal marti. Il-partner tieghi jisimha G H u ilna flimkien xi sentejn u nofs jew teltt snin. Jien m'ghandix karozza; nikri wahda minghand individwu. Ma nafx x'jismu u ma ghandix fuqi ammont li nhallas. Din hi Toyota Yais. Suggerit lili li nsuq vettura ohra nghid li gieli nissellef minghand il-partner tieghi (jew BMW jew Toyot Avensis). Il-vettura Yaris inhallas il-kera taghha bi tpartit ta' xoghol."*

*41. Fis-seduta peKli tal-4 ta' April 2017, reġgħu xehdu:*

*- D C, kif prodott minn A B C; dan xehed hekk:*

*"Ir-residenza tieghi tal-Hamrun, kif izzewwigna, missieri silifielna ghax ma kellniex fejn noqoghdu. Domna nghixu fiha xi sena; xogholijiet fil-post ghamilna kif jaghmel kull min jibda jabita fi proprjeta'. Peress li dan gara 27 sena ilu ma niftakarx x'xogholijiet ghamilna; jista' jkun li ghaddejna d-dawl u l-ilma u li ghamilna karma tal-banju. Ma niftakarx dawn ix-xogholijiet kif kienu thallsu; probabbli mill-paga li kelli l-fabbrika. Ma niftakarx missier l-attrici kienx tana xi flejjes ghal dawn ix-xogholijiet.*

*Meta dhalt f'dan il-post ricentement, li warakollox fih 40 metru kwadru, ghamilt ix-xogholijiet mehtiega biex ingubu abitabbli ghalija.*

*Il-kcina ghada bla bibien; bnejt fire place mil-landa, li hu maghmul mix-sheet metal. Fid-dar matrimonjali sal-linef hdimt jien; il-Hamrun m'ghandix linef. Is-surround system hadtu mid-dar matrimonjali.*

*Muri Dok. 'XY1' u 'XY2' nikkonferma li dawn huma ta' fejn nghix jien; kuntrarjament Dok. 'XY3' u 'XY4' m'humiex.*

*Il-kumpannija m'ghand min nikri l-karozza hija CVS Malta Ltd., ta' ċertu Chris Farrugia. Il-BMW qatt ma ghamiltilha xogholijiet jew spejjez. Dan l-ahhar il-partner tieghi ghamlet claim mal-insurance ghax kellha ncident bil-BMW. Mhux minnu li bdilt l-alloy wheels tal-BMW. Dok. 'XY5' juri*

*proprju din il-vettura. Dok. 'XY6' juri l-istess roti armati fuq il-vettura in kwistjoni.*

*Gewwa S's Tailoring ghandi mpjegat wiehed fuq bazi casual part-time li jahdem anqas minn 10 sieghat fil-gimgha. Dan huwa Sirjan u ilu jahdem mieghi xi erba' gimghat. Qabel kelli wiehed mill-Pakistan bl-istess kundizzjonijiet. Inhallsu f'kontanti bir-rata ta' EUR5.00 fis-siegha. Jismu Nahed. Lil dan impjegajtu ghax marti abbandunatu x-xoghol: dawn is-saghtejn li kienet tigi fil-gimgha.*

*Meta sifirt biex mort ghand Corbora nghid li kien ghall-habta ta' Settembru 2011; ftit qabel ma tlaqt mid-dar. F'dak ix-xahar mort one-day visit is-Serbia. Mort is-Serbia ghax mill-konferenza lestejt gurnata qabel u ftiehmt ma' habib tieghi li jismu Igor li mmur gurnata hdejh. Tlaqt minn Malta jidhirli kien nhar ta' Gimgha u rritrnajt it-Tnejn ta' wara. Is-Serbia mort l-ahhar gurnata. Ghas-Serbia tlaqt b'titjira minn Ruma diretta lejn Belgrade. It-titjira kienet filoghdu kmieni u rritornajt 'l ghada filoghdu. Suggerit lili li dak iz-zmien ma kienx hemm titjiriet filoghdu Ruma – Belgrade nghid, anzi ntenni, li jien tirt filoghdu. Gewwa Belgrade ghamilna xi sightseeing u morna nieklu. Konna jiena u Igor u dorna b'karozza li jien kont krejt. Ma niftakarx x'karozza krejt u minghand min; kienet karozza zghira li jien krejt meta ppStajt it-titjira. L-airline ma niftakrux; kien airline li qatt ma kont smajt bih. Hallast it-titjira cash u l-karozza bil-credit card. Tal-karozza talbuni, bhala dokumenti, biss il-licenzja tas-sewqan. Soqt f'diversi pajjizi u qatt ma ntlabt International Driving Licence. Il-lejl irqadtu ghand Igor li joqghod f'post jismu Nis. Belgrade rajt bridge kbir li kien ghadu jinbena, lukanda kollha toqob tal-bullets tal-gwerra jisimha Hotel Yugoslavia u l-bqija ma niftakarx. Ma kellniex hin naghmlu affarijiet wisq.*

*Igor huwa habib kbir tieghi. Minn Belgrade ghal Nis domna nsuqu madwar siegha u nofs jew saghtejn. Neskludi li domna erba' sieghat. Nikkonferma li l-itinerarju kien: titjira minn Ruma bejn it-08.00 u l-10.00 ta' filoghdu, ftit anqas minn siegha titjira, krejt karozza hekk kif wasalt Belgrade, domt hemmhekk ma' Igor li mieghu mbaghad soqt sa Nis. L-ghada irritornajt fuq l-istess rotta.*

*Go Nis ltqajt ukoll ma' certu Maya; ma kienx pero' l-hsieb li niltaqghu. Din bqajt f'kuntatt maghha sal-lum. Relazzjoni maghha ma kellix. Suggerit lili li Corbora ma kellhom ebda konferenza fl-2011, ma naqbilx. Dok. 'XY7'*

*ma nistax nikkonfermah bhala l-kirja tal-vettura gewwa Belgrade. Belgrade darba biss mort.”*

- *A B C; din xehdet hekk:*

*“Qieghda nipprezenta Dok. ‘XY8’; jien ricentement bghatt e-mail lil Corbora biex nistaqsihom f’Settembru 2011 kellhomx konferenzi. Ir-risposta taghhom kienet fin-neCiv. Attwalment din ma kenitx e-mail izda chat.”*

*42. Fis-seduta peKli tas-16 ta’ Mejju 2017, reġa xehed D C, kif prodott minn A B C; dan xehed hekk:*

*“Fiz-zwieg kellna zewg vetturi u cioe’ Opel Astra u Citroen C1; il-vettura Opel registrata f’ismi filwaqt li dik Citroen registrata f’isem il-mara. L-Opel Astra bieghtta sabiex nixtri van mill-Ingilterra. Bieghtta EUR2,800 lill-mechanic tul is-Sajf tal-2016. Il-van ghadni ma xtrajtux; qed infittex wiehed ghal buti.*

*Naqbel li marti ghamlitli mandat ta’ sekwestru; mistoqsi allura kif qed ninnegozja ghid li qed nillapazza kif nista’. M’ghadnix ninnegozja kif kont qabel fis-sens li tlift l-aptit li nahdem, u nopera bil-ftit li jkolli f’idejja.”*

*43. Fis-seduta peKli tas-27 ta’ Settembru 2017 xehdet Joanna Bartolo (K.I. nru. 125969M), in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.; din xehdet hekk:*

*“F’isem D C (K.I. nru. 312370M) irrizultawli s-segwenti updates mit-12 ta’ Dicembru 2013: Dok. ‘Z1’, kont kurrenti prezentement miftuh pero’ mizmum, ossia blocked.”*

*Dok. ‘Z1’ b’hekk huwa kont kurrenti intestat f’isem D C a/c S’s bin-numru 18204013018; fl-4 ta’ April 2017 dan il-kont kellu bilanċ ta’ EUR60.09.*

*44. Fis-seduta peKli tal-11 ta’ Ottubru 2017, reġa xehed D C, kif prodott minn A B C; dan xehed hekk:*

*“B’riferenza għħas-seduta numru 27 tal-4 ta’ April 2017 nghid li dwar il-vettura mikrija minn CVS Malta Ltd. m’ghandi ebda ricevutaghax ma’ Chris Farrugia impartat ix-xoghol. Bi tpartit ghal din il-kirja jien naghtih l-*

*uniformijiet ghax-xufiera tieghu. Ilna ninnegozjaw hekk sentejn u cioe' kemm ilni bla karozza."*

*45. Fis-seduta peKli tal-14 ta' Novembru 2017 xehedu:*

*- Mark Pulis (K.I. nru. 205987M), in rappreżentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c.; dan xehed hekk:*

*"D C (K.I. nru. 312370M) u A B C (K.I. nru. 18369M) kellhom investiment mal-bank HSBC, jismu 'HSBC Accelarator Euro Note 2013'; dan l-investiment sar fl-2008 u mmatura fl-2013. Il-kont isejjah liz-zewg partijiet. Il-flejjes (EUR5,000) sabiex jinfetah l-investiment hargu minn kont intestat lil A B C (kont numru 040009441050).*

*Dan l-investiment ma ghamilx qliegh biex b'hekk fl-2013 il-partijiet hadu lura l-kapital investiti li gie depozitat fil-kont li diga semmejt fil-21 ta' Jannar 2013.*

*Ma rrizultalix li l-bank, tul l-investiment irceva xi korrispondenza. Dok. 'MP' juri dak li xehedt dwaru llum."*

*- Joseph Saliba (K.I. nru. 23759M), in rappreżentanza ta' JobsPlus; dan xehed hekk:*

*"Dok. 'JS1' juri l-employment history ta' A B C filwaqt li Dok. 'JS2' juri dik ta' D C."*

*- Ivan Cilia (K.I. nru. 309868M), in rappreżentanza tad-Direttur Generali Sigurta' Socjali; dan xehed hekk:*

*"Dok. 'IC1' jirrapprezenta r-rata ta' ghajnuna socjali mirceva minn A B C li bdiet tircevi din l-ghajnuna mis-16 ta' Frar 2013. Dok. 'IC2' juri childrens' allowance li l-attrici rceviet sa Gunju 2014 (13 ta' Gunju 2014) u allura sakemm il-minorenni E baqghet eligibbli. Dok. 'IC3' juri mbaghad allowance supplimentari mhallsa sal-5 ta' Jannar 2018; ir-rati ndikati fuq it-tlett dokumenti ezibiti huma 'weekly'. Id-dokumenti juru kull ma gie mircevi mill-2010 'l quddiem."*

*46. Fis-seduta peKli tas-16 ta' Jannar 2018 xehdet Dott. Annalisa Debono (K.I. nru. 396687M), in rappreżentanza ta' MSV Life; din xehdet hekk:*

*"Jiena avukat fi hdan Mapfre MSV Life. Qieghda nressaq rendikont tal-polza FP402425 li tghajjat lill-kontendenti bil-premium jithallas darbtejn fis-sena fl-ammont ta' EUR430.93 (Dok. 'AD').*

*Minn Dok. 'AD' jidher li sal-4 ta' Dicembru 2017 kien hemm arretrati fil-hlas tal-premia ta' EUR4,168.11. Dan jeffettwa n-net cash surrender value li minnu jitnaqqas id-debitu. Jekk id-debitu jithallas, in-net surrender value ser jizdied.*

*Nobbliga ruhi li sas-seduta li jmiss nivverifika liema mill-partijiet hallset xiex u dan minn Frar 2013."*

*47. Fis-seduta peKli tas-27 ta' Frar 2018 reġgħet xehdet Dott. Annalisa Debono (K.I. nru. 396687M), in rappreżentanza ta' MSV Life; din xehdet hekk:*

*"Qieghda nipprezenta Dok. 'KB1' konsistenti f'numru ta' ricevuti li juru l-perijodu tal-hlas u min effettwa l-hlas u b'liema modalita'.Dok. 'KB2' jikkonsisti f'rendikont tal-hlasijiet li kollha gew imwettqa minn D C. Sa Frar 2012, il-premium kien qed jithallas fl-intier tieghu. Mbaghad minn Awwissu 2012 beda jithallas biss nofs l-ammont u dan minghand D C – ghalhekk minn Awwissu 2012 hemm hlas nieqes ta' EUR2,916.15, oltre l-imghax.*

*Jekk parti mill-premium jibqa' mhux imhallas, f'Lulju 2030, meta timmatura l-polza, il-gross investment value ma jibqax joghla kemm ghandu joghla u jitnaqqas minn din is-somma il-korrispettiv tal-imghax fuq il-premia mhux imhallsa."*

*48. Fis-seduta peKli tat-12 ta' April 2018 xehdet A B C, kif prodotta minn D C; din xehdet hekk:*

*"Illum ma ghandix impjieg; l-introjtu tieghi huwa dak mis-servizzi socjali. Apparti dan ma ghandi ebda introjtu iehor.*

*Mistoqsija dwar id-ditta BombCosmetics nghid li din igibha l-partner tieghi; dawn huma bath products li jigu manifatturati barra minn Malta.*

*Mistoqsija x'involviment ghandi f'dan in-negozju nghid li xejn apparti li gieli naghti daqqa t'id lill-partner ezempju meta jkun hemm xi fiera.*

*Matul il-gimgha jiena nzomm lit-tifla tat-tifla u allura hin m'ghandix.*

*Il-partner tieghi jismu I G u ilna flimkien mill-2012. In-negozju BombCosmetics ma huwiex ix-xoghol primarju tal-partner tieghi. BombCosmetics ma ghandiex hanut; deliveris tal-prodotti qatt ma ghamilt, ordnijiet ma niehux u lanqas sehem mill-profitti.*

*Mistoqsija: il-V.A.T. number ta' BombCosmetics lil min isejjah?*

*Il-V.A.T. number relattiv ghal BombCosmetics isejjah lil I G. Fuq ismi ma hemm ebda V.A.T. number. I G jahdem mal-MFCC bhala purchasing manager."*

*49. Fis-seduta peKli tal-11 ta' Ġunju 2018 xehedu:*

*- Kirsten Coppola (K.I. nru. 352981M), in rapprezentanza ta' Mapfre Middlesea p.l.c.; din xehdet hekk:*

*"Gejt mitluba naghti nformazzjoni dwar polza ta' vettura bin-numru SRH-041; din il-vettura kienet assigurata maghna b'polza tip third party fire and theft sal-31 ta' Lulju 2015 – dan jirrizulta minn Dok. 'KC1'."*

*- A B C, kif prodotta minn D C; din xehdet hekk:*

*"Il-vettura Citroen, bir-registrazzjoni SRH-041 hija fil-pussess tieghi u assigurata mal-kumpannija Elmo fuq bazi third party fire and theft."*

*50. Fis-seduta peKli tal-25 ta' Settembru 2018 xehedu:*

*- L-Ispettur tal-Pulizija Jeffrey Scicluna; dan xehed hekk:*

*"Qieghed nipprezenta Dok. 'JS1' li hu kopja mir-Registru tal-Licenzji Kummercjali, f'isem M C (K.I. nru. 148043M). Minn dan id-dokument jirrizulta 'lli M C kien jopera minn 327, St. Paul's Street, Valletta. Dan id-dokument jifrex mill-1990 sal-1997. Kienx hemm permess qabel ma nafx nghid."*

- Charles Carter (K.I. nru. 779356M), in rapprezentanza tat-Trade Licencing Unit; dan xehed hekk:

*"Fuq D C (K.I. nru. 312307M) sibt tlett licenzji. Jiena nista' biss nixhed fuq il-perijodu 2002 – 2016 'l ghaliex qabel l-2002 kienu l-Pulizija li kienu responsabbli mil-licenzji. Fl-2006 imbaghad hareg Avviz Legali (420/2016) li stabilixxa li premises-based licences, bhal dawk de quo ma kienux aktar mehtiega.*

*Dok. 'CC1' u 'CC2' jirrelataw dwar l-istess licenzja fuq l-istess premises. Dawn waqfu jkunu operattivi fl-2002 sakemm imbaghad daru fuq certu Jason Galea (Dok. 'CC3'). L-uniku licenzja attiva mat-TLU sal-2016 f'isem D C hija dik skont Dok. 'CC4'.*

*Fuq M C (K.I. nru. 148043M) sibt licenzja li tidher li kienet attiva mal-Pulizija izda li qatt ma kienet attiva mat-TLU (Dok. 'CC5'). Dok. 'CC6' hija minute sheet li turi applikazzjoni maghmula minn D C qua eredi ta' M C sabiex tigi terminata l-licenzja ta' missieru u l-mizati mhux imhallsa skont Dok. 'CC5' jigu meqjusa bhala 'money not due' – din giet milqugha."*

- *K L (K.I. nru. 261965M); din xehdet hekk:*

*"Jiena oht D C. Missierna kien jismu M C u n-nannu S C; it-tnejn kienu hajjata u llum mietu. Lin-nannu lhaqtu haj. Kemm hu, u kemm missieri kienu joperaw minn St. Paul's Street, Valletta.*

*Meta missieri kien jopera mill-Belt Valletta hija D kien mastrudaxxa, jahdem band'ohra. Kien ghamel zmien imur jghin lil missieri. Meta marad missieri (b'puplesija) D u hija Josef kienu jiehdu hsieb il-hanut mieghu. Eventwalment Josef telaq – mar fetah hanut tal-fajjenza Tas-Sliema – u D baqa' l-hanut sakemm miet id-daddy biex imbaghad il-hanut gie f'idejh. Sakemm dam haj missieri kien caqlaq in-negozju mill-Belt ghall-Hamrun. Dan il-fond kien mikri m'ghand in-nies. Ma nafx kemm dam haj id-daddy regax mexa n-negozju. Illum D ghadu jopera mill-Hamrun izda mhux mill-istess fond. Jien nghix Sta. Venera u ilni hemm 3 / 4 snin; qabel kont nghix il-Hamrun, Maitland Street, ma zewgi u t-tlett ibniet. Domnda hemm wiehed u ghoxrin sena u meta tlaqna l-post tajnieh donazzjoni lil D. Il-post kien ta' missieri, wiritnieh u jien u hija tajnih lil D; qieghda naghraf Dok.*

*'KB1' ezibit illum stess. Il-post hallejnieh abitabbli b'servizzi ta' dawl u ilma u kmamar tal-banju."*

*51. Fis-seduta peKli tad-9 ta' Ottubru 2018 xehedu:*

*- Joanna Bartolo (K.I. nru. 125969M), in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c.; din xehdet hekk:*

*"Kontijiet godda mill-2013 sal-llum ma hemmx."*

*- Alsion Mifsud Brimmer (K.I. nru. 171578M), in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta p.l.c.; din xehdet hekk:*

*"F'isem A B C, mill1 ta' Dicembru 2013 sat-13 ta' Lulju 2018 (meta saret ir-ricerka) irrizulta kont bankarju bin-numru 040009441050; statements ezibiti bhala Dok. 'HSBCX1'."*

*Dok. 'HSBCX1' b'hekk huwa kont savings intestat f'isem A B C bin-numru 040-009441-050; fl-4 ta' Settembru 2018 dan il-kont kellu bilanċ ta' EUR377.64.*

*- Nadine Fabri (K.I. nru. 267992M), in rapprezentanza tal-BNF Bank p.l.c.; din xehdt hekk:*

*"Skont ricerki li ghamilt, A B C qatt ma kellha relazzjoni mal-bank."*

*- Jeanette Lepre (K.I. nru. 93157M), in rapprezentanza tal-Lombard Bank p.l.c.; din xehdet hekk:*

*"Skont ricerki li ghamilt fuq A B C mill-2013, ma rrizultali xejn."*

*- Rebecca L (K.I. nru. 418994M), in rapprezentanza tal-APS Bank p.l.c.; din xehdet hekk:*

*"Skont ricerki li ghamilt, A B C, mill-2013 sal-llum ma kelliex kontijiet jew relazzjoni mal-bank."*

*52. Fis-seduta peKli tat-28 ta' Novembru 2018 reġgħu xehedu:*

*-	Mark Pulis (K.I. nru. 205987M), in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c.; dan xehed hekk:*

*"Qieghed nipprezenta Dok. 'MP' li juri invetiment kongunt tal-partijiet li sar fl-14 ta' Dicembru 2007 bl-ammont investit ikun dak ta' EUR5,000. Dan l-investiment immatura fil-15 ta' Jannar 2013 minghajr ebda qliegh. Il-flus, f'Jannar 2013 gew depozitati f'kont HSBC numru 040009441050 intestat f'isem A B C."*

*-	A B C, kif prodotta minn D C; din xehdet hekk:*

*"Qieghda nipprezenta kif mitluba kopja tal-polza t' assigurazzjoni fuq il-vettura Citroen C1 SAR-041 – Dok. SGY."*

*53.	Fit-8 ta' Frar 2019 D C ressaq il-profit and loss accounts tiegħu għas-snin 2015, 2016 u 2017. Dawn juru 'lli għas-sena finanzjarja 2017 D C irreġġistra net profit ta' EUR8,039.53, għas-sena finanzjarja 2016 D C irreġġistra net profit ta' EUR10,114.83 u għas-sena finanzjarja 2015 D C irreġġistra net profit ta' EUR10,112.17.*

*54.	Fis-seduta peKli tal-15 ta' Lulju 2019 xehed D C, kif prodott minn A B C; dan xehed hekk:*

*"Il-mara tieghi ntenni li kienet tattendi ghall-kors relatat max-xoghol taghha ; nichad li ghal dan il-kors ma hallejtiex tmur. Ma niftakar xejn dwar dan il-kors. Meta nghid li l-attrici ghandha karattru pussessiv u ossessjonata, naghmel riferenza ghal paragrafu sebgha tal-affidavit teighi ; naghti ezempju billi nghid li meta kont nixtri xi haga, kienet mill-ewwel tghidli li kont ser immur ma' xi mara: kienet tghidli "ghandek xi nittieni". Uliedi stess kienu jsikktuha. Kienet tghidli hekk ghaliex kienet ossessjonata li kelli persuna ohra. U kif ukoll li kull ma kont qed nixtri kont qed niehdu minn halq uliedi. Kienet sahansitra tahsilli l-hwejjeg hazin apposta biex thassarhomli. It-tnejn li ahna kellna kontroll tal-flus; kienet tkun taf u kellha access ghal dak kollu li kont indahhal; qatt ma hallejtha nieqsa minn xejn.*

*Il-hwejjeg tad-ditta kont nixtrihom ghall-familja kollha; jekk kif tghid marti kont hali, kont hali ghal kulhadd. Meta tani l-hanut missieri, kelli d-dejn; illum ghad ghandi d-dejn. In-negozju minghajr dejn ma jimxixi. L-introjtu tieghi kien jiddependi mill-andament tan-negozju; dan wara li dar il-hanut fuqi, s'intendi. Meta kont nahdem il-fabbrika klli LM30 fil-gimgha mill-*

*fabbrika; kont naghmel tlett jobs ohra, nghin lil missieri fil-hanut mit-3.30 – 6.30 a.m., wara l-fabbrika nerga mmur ma' missieri u fis-07.00 p.m. immur nahsel it-tazzi fil-kazin tal-futbol ta' Tas-Sliema. Nghid li kont inhoss li kien hazin li marti tigbidli l-attenzjoni fuq l-infiq ghax ma konniex ghaddejjin minn xi krizi.*

*Lil sara, paga talli kienet tigi l-hanut ma kontx intiha ghas-seighat li kienet tahdem; kienet hi li ma reditx tirregistra ruha mal-awtoKjiet (bhala impjegata).*

*Dwar para. sittax tal-affidavit tieghi nichad li A ma riditix relazzjoni intima mieghi 'l ghaliex kienet takkuzani li kelli relazzjoni ma' haddiehor. Nikkonferma li kont nohrog xi darbtejn fil-gimgha biex nara l-loghob tal-Liverpool; lobgha ddum saghtejn. Gieli gebbidna xi erba' sieghat pero'. A qatt ma riedet tigi mieghi ghax shabi, skont hi, kienu "hamalli u baxxi."*

*Il-hinijiet tieghi tal-haniut kienu mid-09.00 a.m. sa 12.00 p.m. u mill-04.00 p.m. sas-07.00 p.m. bhala opening hours. Jien kont nibda pero fil-05.00 / 05.30 a.m. . is-Sibt kont naghlaq f'12.00 p.m. u fost il-gimgha kont naghmel sat-03.30 p.m. bid-deliveries. Malli naghlaq il-hanut fost il-gimgha kont immur id-dar, is-Sibt ukoll.*

*Is-somma li nsemmi f'para. hamsa u ghoxrin tal-affidavit tieghi nichad li kienet EUR70,000.00 Is-somma ta' EUR63,000.00 kienu kontanti mizmuma d-dar.*

*Nikkonferma li l-Qorti naqqsitli l-hin tal-access ma' binti E izda dan wara li ghamilt tnax-il xahar ma narax lil binti u tlabt lil Qorti li E tigi mitkellma mill-Avukat tat-Tfal biex jien nerga' nibda naraha.*

*Illum, mat-tifla E (29 sena) ghandi relazzjoni tajba hafna u ma' E (21 sena) ma ghandix relazzjoni tajba gyhax tlabtha tiffirma karta li turi li tajtha EUR3,000 biex tixtri karozza u hi rrifjutat biex, fi kliemha, ma tmurx kontra r-rieda ta' ommha; dan minkejja li l-karozza nxtrat. Il-karozza morna narawha jien u hi u xtrajtielha jien billi hallast direttament lid-dealer. Il-karozza kienet tiswa EUR3,000.*

*Dwar l-MSV Valletta Life p.l.c., A formalment qatt ma talbitni biex inwaqqfuha din il-polza; jien ma rridx inwaqqafha u peress li jien qed inhallas nofs il-premium, il-polza qed titlef il-flus. Il-pagamenti jsiru*

*darbtejn fis-sena f'Jannar u f'Lulju. L-ahhar pagament li ghamilt kien f'Lulju 2018. Ta' Jannar 2019 ma sarx ghax tlabt lil MSV li l-pagament t-tnejn jibdew isiru f'Lulju u ghadhom ma tawnix risposta. F'Lulju 2019 ser nissalda z-zewg pagamenti. Marti qabzet sittax-il pagament."*

*55. Fis-seduta peKli tal-11 ta' Frar 2020 xehdet A B C, kif prodotta minn D C; din xehdet hekk:*

*"B'riferenza ghal paragrafu tnejn tal-affidavit tieghi: it-tieg taghna kien sit-down dinner. L-argument li nqala', nqala' ghaliex tar-ritratti kien gie tard id-dar ghandi u kollox ittardja bi ftit. Hekk kif beda jsir il-hin biex inpoggu kien D li offenda lil missieri u z-zijiet indahlu biex jaqbzu ghal missieri. Nichad li kien iz-ziju tieghi O (imlaqqam il-Q) li nstiga kollox.*

*B'riferenza ghal paragrafu sitta tal-affidavit tieghi: meta ttihidt l-isptar ma nghatajt ebda kura. Mieghi giet l-isptar oht D. L-argument inqala' meta omm D qalet li ma kellha ebda ntenzjoni thallas xi arretrati ta' taxxa; jien qbizt li dan mhux sew u D imbotta l-mejda u laqatni bil-ponta taghha fil-parti privata tieghi. Oht D, meta konna l-isptar, qaltli biex ma nghid xejn; dan ma hemm ebda raguni partikolari 'l ghaliex ma semmejtux fl-affidavit. Dan l-incident sehh hafna qabel ma bdiet is-separazzjoni; it-tfal kienu zghar u missier D kien ghadu haj.*

*Naqbel li bhala familja sifirna spiss. Morna t-Tunizija, Londra, Liverpool (tlett darbiet), Cipru (darbtejn), mediterrenean cruise, EuroDisney, Wales, u Barlceona. Aktar konna nsiefru biz-zghira milli biz-zewgt itfal ghax il-kbira kellha boyfriend.*

*B'riferenza ghal paragrafu tmienja tal-affidavit tieghi: l-incident nqala' ghax D ma kellux aptit jiekol u ohti bdiet tisfurzah. L-argument iddegenra malajr.*

*Nikkonferma li missier D miet fl-2001; ma naqbilx li missier D kien hajjat. Nispjega li jien dejjem nafu jahdem man-nies fil-catering u fuq magna tal-hjata qatt ma rajtu.*

*Naf li n-nannu patern ta' D kien jismu R, izda qatt ma ltqajt mieghu ghax kien ilu mejjet. Milli kienu jghidu l-genituri ta' D, naf li dan R kien hajjat u jghidu li kellu wkoll xi negozju l-Buskett Roadhouse.*

*B'riferenza ghal paragrafu ghaxra tal-affidavit tieghi: dejjem smajthom jghidu lill-familjari ta' D li l-hanut 'S's Tailoring' il-Hamrun kien imsemmi wara dan in-nannu. Naqbel li qabel il-Hamrun, in-negozju kien jigi gestit minn Triq San Pawl, Valletta.*

*Ma' missier D kont niltaqa' b'certa regolaK' pro' qatt ma niftakru jahdem gol-hanut. Gewwa l-hanut tal-hamrun gieli dhalt. Jiean gol hanut tal-belt ma mnafux jahdem lil missier D.*

*Meta missier D marad, il-hanut tal-Hamrun, jew ahjar il-licenzja tieghu, daret fuq omm D. Meta nghid li l-Hanut gie trasferit f'ismi u f'isem D, nirreferi ghall-ownership tal-going concern. Dak iz-zmien, il-hanut tal-Hamrun (triq il-Kuncizzjoni) kien bil-kera. Din il-kirja naqbel li kienet tghajjat lil omm D u mbaghad lilna.*

*Niccara li meta nghid li l-going concern u l-kirja daru fuqna, nitkellem fil-plural 'l ghaliex dan sehh by operation of marriage.*

*Fuq mistoqsija tal-Perit Legali nghid li jidhirli li dokumentazzjoni ghal dawn iz-zewg trasferimenti jidhirli li giet iffirmata. Mistoqsija jekk dwar il-going concern inix certa li giet iffirmata dokumentazzjoni, nghid li ninsab alkwantu certa; ma jidhirlix li morna ghand Nutar jew Avukat. Nerga' ntenni li dawn it-trasferimenti ghalija huma msejsa fuq iz-zweig tieghi ma' D.*

*Fil-hanut ta' triq il-Kuncizzjoni l-Hamrun kienu jsiru alterations, quotations, kiri u xiri ta' hwejjeg u lbiesi tal-okkazzjoni.*

*B'riferenza ghal paragrafu hdax tal-affidavit tieghi: il-hanut fi Triq Indri Cilia, l-Hamrun xtrajnieh jien u D; in-negozju ta' Triq il-Kuncizzjoni gie trasferit ghall-hanut il-gdid u zidna mal-istess. Il-kirja tal-hanut l-antik zammejnieha sakemm allestejna l-hanut il-gdid li meta xtrajnih kien dar ta' abitazzjoni zdingata sew.*

*F'dan il-post, D hadem l-ghamara. Ma nafx inwiegeb jekk in-negozju ta' kiri ta' togi sabx il-bidu tieghu mill-hanut tal-Belt, Valletta; ma jidhirlix li fil-hanut tal-belt kien hemm togi.*

*Ghas-safra ta' Barcellona konna jien, D, u t-tifla z-zghira. Dan kien f'Awwissu 2001.*

*B’riferenza ghal paragrafu erbgha u tletin tal-affidavit tieghi: il-kontanti fis-somma ta’ EUR70,000 huma maghmula minn flejjes li diga’ kien hemm id-dar u minn flejjes li jien gibt id-dar wara li gbidthom missafe deposit box li kellna fil-fergha ta’ Cospicua tal-HSBC. Dawn il-flus ingibdu minhabba possibilita’ li jsir sekwestru millBoV minhabb dejn ta’ D li ghalih kienu ghamlu tajjeb D u ohtu. Dan kont naf bih ghax qalli D; jien kont konta din id-decizjoni.*

*Ma naqbilx li parti minn dawn il-flejjes kienu ntuzaw ghas-safra ta’ Barcellona. Din is-safra thallset bl-uzu ta’ cards bankarji.”*

*56. Fis-seduta peKli tas-17 ta’ Frar 2020 xehdet A B C, kif prodotta minn D C; din xehdet hekk:*

*“D telaq mid-dar f’Ottubru 2011 u mar jghix is-Swatar wara li, dejjem skont hu, ghamel xi jumejn jorqod gol hanut.*

*Is-safriet li semmejt fl-ahhar seduta naqbel li kienu mifruxa sew tul il-konvivenzátaghna fiz-zweg. L-ahhar safra kienet dik lejn Barcellona fi’Awwissu 2011. Din is-safra thallset, sa fejn naf jien, bil-flus li D kellu l-bank; ziedhomx b’xi cash li kien gabar mill-hanut fil-gimgha ta’ qabel ma morna, ma nafx.*

*Naqbel li l-flus mis-safe deposit box ingibdu qabel ma morna Barcellona. Mistoqsija jekk, ghall-istess raguni msemmija minni fl-ahhar seduta (possibilita’ ta’ mandat ta’ sekwestru) ingibdux ukoll il-flus mill-kontijiet bankarji ta’ D, nghid li ma nafx inwiegeb.*

*Il-kaxxa fid-dar fejn kienu jinzammi l-flus kellna access ghaliha t-tnejn li ahna u jien kont inzomm karta fil-kaxxa bl-ammont li kien ikun fiha.*

*Murija Dok. ‘CB’ ezibit issa stess, nghid li d-data u l-firma huma kitba tieghi; l-ammont le ghax meta jien kont nikteb figura kont naghmel ‘ ’quddiemha u qatt qatt qatt ma ffirmajt hdejn it-total fuq din il-karta ta’ gol-kaxxa. Ma nahsibx li t-tfal taghna kienu jafu b’din il-kaxxa u l-figura ’64,000’ la hija l-kitba tat-tfal u lanqas ta’ D. Ninsisti li ma hix il-kitba tieghi lanqas. Fuq il-karta konna niktbu data u ammont izda ma konniex niffirmaw.*

*B'riferenza ghal paragrafu numru tlieta u ghoxrin tal-affidavit tieghi: morna Barcellona bhala vaganza tal-familja; avolja l-inkwiet matrimonjali ebda qabel, xorta morna. Effettivament l-inkwiet skala f'din is-safra b'facebook post minghand wahda mara fuq il-profile ta' D, liema profile hu kien jaghti lit-tifla access ghalih. Nippreciza li din ma kenitx post izda kienet mezz ta' verifika biex D u t-tifla jaraw li hadd ma ghamel xejn b'dan il-profile peress li t-tifla ma kenitx ghamlet log-out. Waqt din il-verifika, tela' isem din il-mara.*

*Minkejja dan rakkontat minni f'dan il-paragrafu xorta mort is-safra ghax gibt lil uliedi qabli.*

*B'riferenza ghal paragrafu numru sebgha u ghoxrin tal-affidavit tieghi: naqbel li t-titjiriet Malta – Ruma – Malta ibbukkjajthomlu jien ma' JC Travel. Hadt hsieb ukoll il-booking ghal lejl wiehed gewwa lukanda f'Ruma dejjem bl-assistenza tat-travel agent.*

*Wara Ottubru 2011, fil-proprjeta' fis-Swatar jiena dhalt; dejjem ma' D. Lili qalli li kien fil-kera. Nabqel li f'Ottubru 2011 u wara li telaq mid-dar, morna tieg ta' kuG tieghi flimkien. Dan kellna naghmluh kwazi bilfors ghax l-ilbiesi nkrew minghand DWara t-tieg irqadt is-Swatar ghax kien hafna maltemp. Ma naqbilx li f'dak il-lejl jien u D konna intimi. Irqadna fl-istess sodda 'l ghaliex il-kamra tas-sodda l-ohra ma kenitx mghammra b'lozor u kutri; dan qed nassumih ghax lanqas kien ilu ghaxart ijiem hemmhekk – fil-kamra tas-sodda pero' ma dhaltx. Biex morna t-tieg, D gie ghalija d-dar; l-ghada wassalni d-dar D filoghdu. Nichad li soqt s'ghand D. Il-quddies kienet il-Kalkara stess, fejn nghix jien: x'sens kien jaghnmel li mmur jien s'ghand D is-Swatar?*

*B'riferenza ghal paragrafu numru tlieta u tletin tal-affidavit tieghi: wasalt ghall-konkluzjoni li D baghat il-flus lil Maya wara li D kien halla l-facebook miftuh u rajt xi messaggi f'dan is-sens. Meta kkonfrontajtu, D cahad. Qatt ma kelli l-password tal-facebook account ta' D.*

*Pagamenti tal-premia tal-polza MSV Life, kemm ilha ghaddejja din il-kawza qatt ma ghamilt. Naqbel li l-home loan fuq id-dar tal-Kalkara mhallas kollu.*

*Nahseb li anek wara li telaq mid-dar D baqa' jaghmel il-pagamenti kontra dan il-loan."*

*57. Fis-seduta peKli tad-9 ta' Diċembru 2020 xehdet A B C, kif prodotta minn D C; din xehdet hekk:*

*"Naqbel illi minn mindu D telaq mid-dar, sehemi mill-polza tal-assigurazzjoni maħruġa mill-MSV ma ħallastux. Naqbel ukoll illi mill-istess żmien ħlasijiet akkont tal-home loan ma għamiltx. Huwiex imħallas a saldu l-home loan, ma nafx. Naqbel illi l-home loan kien isejjaħ kemm lili u kif ukoll lil D.*

*Jien ma nafx in-nannu ta' D, R, kellux ħanut il-Belt. Nikkonferma pero' li lill-familjari ta' D dejjem nafhom jgħidu li R kien ħajjat – qatt ma smajthom jgħidu pero' li kellu negozju tal-ħjata bbażat il-Belt.*

*Jien u D iżżewwiġna fl-1989; M, missier D, miet naħseb, fl-2001. Qabel ma żżewwiġna domna għarajjes ftit anqas minn sentejn. Milli naf jien, missier D kien jaħdem man-nies u ġieli jmur ġewwa l-ħanut fi Strada San Paolo, il-Belt, jiġbor xi flus. Mistoqsija niftakarx li dan il-ħanut kien jismu 'S's Tailoring', ngħid li naħseb, iżda li ma inix mija fil-mija. Il-flus li kien imur jiġbor ma nafx x'kienu jirrappreżentaw.*

*Mistoqsija niftakarx jekk l-ilbies tal-irġiel fit-tieġ tiegħi u ta' D krejnihomx jew issellifnihomx minn 'S's Tailoring', inwieġeb illi niftakar lil missier D isemmi xi ħaġa f'dan is-sens. Ma jidhirlix li oħti kriet l-ilbies tal-irġiel għat-tieġ tagħha mill-Belt; jidhirli li kriethom mill-Ħamrun. Naħseb li oħti ilha madwar għoxrin sena miżżewġa.*

*Naqbel li l-ewwel ħanut fil-Ħamrun kien bil-kera. Ma naqbilx li f'dan l-ewwel ħanut kien jaħdem missier D – naħseb li dak iż-żmien kien diġa' marid; kien pero' jkun hemm omm D tgħaddi l-qomos u s-suits. Dawn kienu tal-klijentela. Impjegati ma kienx hemm.*

*Dwar is-safra f'Barċellona ma naqbilx li l-biljetti tal-ajru nxtraw minn JC Travel – dawn inxtraw online u ħa ħsieb D bil-credit card. Il-lukanda ta' Barċellona ma ġietx ippStatat minn JV Travel."*

*58. Fis-seduta peKli tad-19 ta' Ottubru 2021 xehed in eskussjoni Roderick Camilleri (K.I. nru. 135769M); dan xehed hekk:*

*"Domandi Av. Muscat:*

*B'riferenza għar-rapport tiegħi a fol. 287 tal-atti, nispjega 'lli biex jien nasal għall-valur tal-goodwill, inkun neħtieġ l-input ta' awditur jew accountant.*

*Nispjega 'lli l-background professjonali tiegħi huwa fl-istimi għal skopijiet ta' assigurazzjoni.*

*Dwar il-goodwill jien ħadt pariri ta' accountant u awditur; dawn qaluli li stima ta' goodwill tista' ssir biss minn awditur jew accountant. Mill-profit and loss accounts li ngħataw lili ma nasalx biex noħroġ din l-istima. L-awditur spjegali li biex tinħareġ stima ta' goodwill irid issir proċess dettaljat.*

*Domandi Av. Busietta:*

*Naqbel perfettament li kull dokument li tlabt lill-partijiet ingħatali kif mitlub."*

*59. Fis-seduta peKli tal-11 ta' Novembru 2021 xehedu:*

*- Dottor Robert Musumeci, in eskussjoni; dan xehed hekk:*

*"Domandi Av. Busietta:*

*Naqbel li meta aċċedejt fil-fond 12, Maitland Street, Ħamrun, il-proprjeta' kienet 'in a finished state'.*

*Jien ma dħaltx fil-kwistjoni dwar min għamel il-mano d'opera."*

*- A B C, kif prodotta minn D C; din xehedt hekk:*

*"Naqbel illi l-linfa li hemm fis-salott fil-proprjeta' tal-Kalkara, bħala xogħol ta' njam, għamlu D. Il-wiring tad-dawl kien ipprova jagħmlu D iżda ma rnexxilux.*

*Il-kċina f'din il-proprjeta' kien xtrahieli missieri. Li għamel D kien li qala' l-bibien tal-cupboards u xtrahom ġodda u stallahom.*

*Il-vanity unit tal-kamra tal-banju ħadimha D wkoll.*

*Naqbel ukoll illi D għamel il-cladding bl-injam fuq it-travi tal-ħadid fis-salott ta' din il-proprjeta'."*

*KUNSIDERAZZJONIJIET u KONKLUŻJONIJIET TAL-PERIT LEGALI*

*60. L-istanti qabel ma jghaddi għal xi kunsiderazzjonijiet dwar it-talbiet mressqa mill-kontendenti iħoss illi jkun għaqli li jagħmel riferenza għas-segwenti principji regolaturi dwar l-apprezzament tal-provi, fuq liema wkoll, huwa ser jibbaża r-rakkomandazzjonijiet tiegħu. Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet George Bugeja v. Joseph Meilak, l-Qorti Ċivili Prim'Awla (30 ta' Ottubru 2003, Ċitaz. nru. 462/2002/1) tenniet illi "Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' w specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal- probabilitajiet."*

*61. Fis-sentenza fl-ismijiet Enrico Camilleri v. Martin Borg (17 ta' Marzu 2003, Appell nru. 478/2000/1) ingħad li "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. Il-Qorti allura jehtigilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo". Meta*

*zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera u ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet."*

*62. Ġie ritenut ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet Anthony Galea v. Gaetan Fendo (24 ta' April 2015, Appell Ċivili nru. 733/2007/1) illi: "Kull kaz ghandu jkun esaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni ghall-kaz tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fit- totalita` tal-provi u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet."*

*Separazzjoni Personali:*

*63. Il-konsiderazzjonijiet li l-esponenti jħoss li jeħtieġ jagħmel sabiex jasal għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'din il-kawża neċessarjament iridu jibdew minn eżami tar-riżultanzi bl-iskop li tiġi determinata l-ħtija għall-firda li seħħet bejn il-kontendenti. Dan għaliex tali ħtija jista' jkollha effetti patrimonjali bejniethom.*

*64. A B C taddebita lil żewġha l-adulterju, il-vjolenza, l-eċċessi, il-moħqrija, is-sevizzi, il-minaċċi, t-theddid u l-inġurja gravi.*

*65. D C jaddebita lil martu l-adulterju, l-eċċessi, is-sevizzi, il-moħqrija, it-theddid u l-offiza gravi.*

*L-adulterju (Art. 38 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta)*

*66. In materja ta' adulterju, huwa riċevut it-tagħlim segwenti: "Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ngħad fis-sentenza "Rose Gauci vs Salvatore Gauci" (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP - Deċiża fl-1 ta' Ottubru 2002) li in vista tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jiġi ppruvat permezz ta' indizzi u ċirkostanzi oħra li ma jħallu ebda dubju fil-ġudikant. Fil-fatt ingħad li:- "... l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal- Liġijiet ta' Malta jgħid illi "Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza tagħha tas-16 ta' April 1953 fil-kawża fl-ismijiet "K Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A.*

*(C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali; iżda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni leġislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l- adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". ("Rosina L vs Angelo L" P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)"*

*67. Ta' interess partikolari in materja huwa l-pronunzjament tal-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet K Busuttil pro et noe vs. Raymond Busuttil fejn ġie meqjus illi għalkemm il-problemi matrimonjali nibtu b'konsegwenza ta' aġir abbużiv ta' wieħed mill-konjuġi, kienet ir-relazzjoni adultera mibdija ħames snin wara l-firda de facto illi kissret iż-żwieġ b'mod irrimedjabbli.*

*68. Ukoll ta' interess huwa l-pronunzjament ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kawża AB vs C sive D B fejn insibu insenjat illi: "Il-konvenuta ssostni illi l-attur kellu gia' relazzjonijiet intimi mas-siehba odjerna tieghu minn qabel ma telaq mid-dar matrimonjali (...) Il-konvenuta pero' ma resqet l-ebda provi li b'xi mod juru li l-attur beda relazzjoni intima ma' Judith Galea minn qabel ma telaq mid-dar matrimonjali. Pero' fil-fehma tal-Qorti dan il-fattur ta' zmien jekk ir-relazzjoni adultera tal-attur bditx minn qabel jew minn wara li telaq id-dar matrimonjali ma tantx hija rilevanti minhabba l-fatt li ex admissis l-attur jghid li xahrejn biss wara li telaq mid-dar huwa kien diga f'relazzjoni intima maghha. Mill-kumpless tal-provi u fuq bazi ta' probabilita' l-Qorti qed tikkonkludi illi meta l-attur telaq mid-dar matrimonjali kien gia' ppjana illi jibda relazzjoni intima ma' Judith Galea. Din ir-relazzjoni adultera da parti tal-attur kienet il-fattur determinanti illi kisret darba ghal dejjem iz-zwieg tal-partijiet."*

*69. L-addebitu tal-adulterju lanċjat minn A B C idur mal-allegata relazzjoni ta' D C ma' Maya Randjelovic. D C dejjem ċaħad tali relazzjoni. L-esponenti jħoss illi dan l-addebitu tal-adulterju lanċjat minn A B C ma jinsabx pruvat sal-grad mitlub mil-Liġi. Kif insenjat mill-Qrati tagħna in vista tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jiġi ppruvat permezz ta' indizzi u ċirkostanzi oħra li ma jħallu ebda dubju fil-ġudikant. Dawk indikati mill-ġurisprudenza bħala indizzi u ċirkostanzi, mressqa fil-provi minn A B C, għall-istanti, ma humiex suffiċjenti li ma jħallulu ebda dubju f'moħħu li tassew D C ikkommetta adulterju ma' Maya Randjelovic.*

70. L-addebitu tal-adulterju lanċjat imbagħad minn D C ma huwa sorrett minn ebda prova fl-atti. Dan l-addebitu b'hekk ma jinsabx pruvat.

L-addebiti skont l-Art. 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta

71. Dwar l-addebiti skont l-Art. 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ngħad mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Novembru 2003 fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna v. Anthony Scicluna, illi: "Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli. Illi 'noltre il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e`necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche`sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale" – "Elisa Thompson vs Edward Thompson" (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);"

L-eċċessi u l-moħqrija

72. Jibda biex jingħad illi mill-ġurisprudenza jidher illi l-kelma 'moħqrija' u s-'sevizzi' jfissru l-istess ħaga.

73. Fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Diċembru 2015 fl-ismijiet Jayne Margaret Chetcuti vs. Lawrence Chetcuti, il-Qorti tal-Appell irritjeniet illi: "mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u huma biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]." Kif osservat fil-kawża ċitata mill-ewwel Qorti PA Catherina Agius v Benedict Agius, deċiża 13 Gunju 1967 il-fatturi kontemplati fl-Artikolu 40 fuq ċitat iridu jkunu tali li joħolqu sitwazzjoni fejn il-partijiet jispiċċaw jgħixu "f'sistema

*costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazione che rendono almeno insapportabili l'abitazione e la vita comune."*

*74. Teżisti mbagħad id-distinzjoni bejn eċċessi u sevizzi. Fadda jgħallem illi "Sono "eccessi" tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge". Mill-banda l-oħra,"Sevizie sono quegli atti di crudelta' verso il coniuge che, se non ne mettono in pericolo la vita, nondimeno quasi quotidianamente lo tormentano". Baudry Lacantinerie jikkonferma 'lli: "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".*

*75. Hekk kif irritjeniet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Antoinette Cauchi v. Alexander Cauchi: "Illi skond il-gurisprudenza Maltija eccessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-ohra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira li niente di meno jridu jkunu ta' perikolu ghall-hajja tal-parti l-ohra (ara "Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud" deciza fit-30 ta' Gunju 1961) u fid-dawl ta' dan din il-Qorti thoss li fil-kaz odjern, wara li gew ezaminati l-fatti migjuba quddiemha u kontrarjament ghal dak indikat mill-perit legali, li l-istess konvenut kien hati ta' eccessi lejn martu u dan minhabba li kien jixrob u wkoll minhabba l-vjolenza domestika li huwa kien jattwa fil-konfront taghha, apparti tghajjir u eccessi ohra."*

*76. Mill-provi akkwiżiti l-esponenti ma rriskontrax dawk li l-liġi tagħraf bħala eċċessi kif meqjusa fil-parametri tal-ġurisprudenza. Għaldaqstant, dan l-addebitu ma ġiex pruvat minn ebda parti.*

*77. Dwar il-moħqrija, għall-esponenti huwa inekwivoku mill-atti proċesswali 'lli ż-żwieġ odjern kien karaterizzat minn aġir sevizzjevoli perpetrat miż-żewġ kontendenti. Tenut kont l-assjem tal-provi u l-mod kif il-kontendenti għażlu li jimxu ma' xulxin, l-istanti jħoss illi kien proprju dan il-fatt li wassal għat-tkissir irrimedjabbli ta' dan iż-żwieġ; l-atteġġjament tal-kontendenti lejn xulxin ta il-coup de grace lir-relazzjoni tagħhom. Il-kontendenti, bl-aġir tagħhom, għamlu mezz li jirrendu ħajjithom miżżewġa, sistema kostanti ta' vessazzjoni u disprezz lejn xulxin, ta'*

*oltraġġ u ta' umiljazzjoni sa tali grad li l-konvivenza tagħhom ġiet reża insopportabbli.*

*78. Għaldaqstant, dan l-addebitu ġie pruvat hekk kif kommess miż-żewġ kontedenti fil-konfront ta' xulxin.*

*It-theddid*

*79. Għal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi mbagħad, il-Liġi trid il-persistenza f'ċerta mġieba ħażina u mhux xi atti izolati waqt xi tilwima. Ġie insenjat illi: "theddid tinkludi kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bl-ghan illi twegga' lill-parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta." Ingħad ukoll mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 1961 fl-ismijiet Maria Mifsud v. Vincenzo Mifsud illi: "Il-minacci jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. Jekk dawn verbali jkunu l-effett tal-impetu u mhux rafforzati mill-intenzjoni li jkunu sussegwiti mill-azzjoni, fil-kaz ta' nies ta' certu cetu socjali ma jawtorizzawx lill-Qorti taccettahom bhala raguni u motiv ta' firda personali ; imma jekk ikunu tali li jirrivestu azzjoni, u min jaghmilhom jidher li hu kapaci jikkunsahom, allura ndubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni".*

*80. L-addebitu tat-theddid jinsab lanċjat miż-zżewġ kotendenti. Ebda provi ma ġew akkwiżiti fir-rigward tal-addebitu tal-minaċċi kif elaborat fil-ġurisprudenza u għalhekk l-esponenti ma jirriskontrax dak li l-liġi tagħraf bħala theddid kif meqjus fil-parametri tal-ġurisprudenza.*

*L-Offiża Gravi*

*81. L-offiża gravi tinkludi kliem jew aġir li joffendi l-unur u l-pudur ta' dak li jkun minkejja li dawn jirreferu għall-affarijiet kemm veri u kif ukoll foloz: "Fil-kawza "Camilleri utrinque" deciza fis-16 ta' Marzu 1898, il-Qorti Civili kienet qalet: "Le ingurie, per essere causa di separazzione devono essere gravi e non semplici invettive scambiate reciprocamente dai conjugi quante insieme si querelavano". F'dan ir-rigward, huwa wkoll notevoli l-pronunzjament tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-sentenza tagħha tat-2 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet Hugh Greengrass v. Lucia Greengrass, li kkwotat is-segwenti: "Huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maKli, una volta imbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi*

*indizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni."*

*82. Finalment, fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Mejju 1942, fl-ismijiet Maria L v. Giuseppe L, il-Qorti tal-Apell insenjat illi: "Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas- separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi".*

*83. L-esponenti jħoss illi, peress li l-addebitu hawn in eżami huwa tali, li ġie interpretat mill-ġurisprudenza bħala wieħed dirett għall-unuru u/jew għall-pudur tal-parti fiż-żwieġ, ma jirriżultax pruvat. Id-diversi litiġji riskontrati fl-atti ma jidhirx li kienu ntiżi sabiex proprju jindirizzaw tali kwalitajiet tal-parti offiża u għalhekk l-esponenti jħoss 'lli l-istess ma jikkwalifikawx bħala offiża gravi. Dan mifhujm, pero' l-esponenti ma jistax jinjora l-ġurisprudenza fuq ċitata, in linea ma' liema iż-żewġ kontendenti pperpetraw dan l-addebitu meta allegaw l-infedelta' fil-konfront ta' xulxin, liema infedelta' mbagħad, kif fuq spjegat, huma naqsu li jissostanzjaw.*

*84. Għaldaqstant, mill-provi akkwiżiti l-esponenti rriskontra dak li l-liġi tagħraf bħala l-offiża gravi kif meqjusa fil-parametri tal-ġurisprudenza, biss kif hawn spjegat.*

*85. In riepilogu, l-esponenti jikkonkludi li ż-żwieġ tal-kontendenti tkisser minħabba is-sevizzi u l-offiżi gravi perpetrati minn kull iweħed / waħda mill-kontendenti versu l-parti l-oħra.*

*Dekadenza*

*86. Il-liġi toħloq distinzjoni bejn id-dekadenza konsegwenzjali għall-adulterju u/jew abbandun hekk kif kontemplata fl-Art. 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u d-dekadenza konsegwenzjali għall-addebiti skont l-Art. 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif kontemplata fl-Art. 51. Filwaqt illi fl-ewwel każ, id-dekadenza tapplika ex lege, fit-tieni każ l-applikazzjoni tad-dekadenza hija mħollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti.*

*87. Inoltre, l-Art. 52 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jippermetti li jiġu mtaffija l-effetti tal-Art. 48 tal-Kap. 16 b'mod li l-Qorti għandha d-*

*diskrezzjoni biex tiddeċiedi jekk tapplikax dan l-aħħar artiklu interament jew altrimenti biss f'partijiet minnu, jew inkella ma tapplikahx.*

*88. In linea mal-konklużjonijiet milħuqa mill-esponenti u b'żieda mal-istess qiegħed jiġi rakkomandat illi d-dispost tal-Art. 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi applikat fl-intier tiegħu fil-konfront taż-żewġ kontendenti.*

*Ulied il-kontendenti:*

*89. Ulied il-kontendenti, ormai għandhom 'l fuq minn 23 sena, u huma finanzjarjament indipendenti mill-kontendenti biex b'hekk din l-Onorabbli Qorti ma jeħtiġilha tagħti ebda provvediment f'dan ir-rispett.*

*Retta alimentari għal A B C:*

*90. Jirriżulta llum illi A B C ma għadiex tinsisti li tirċevi retta aliemtari versu l-ħtiġijiet tagħha biex b'hekk, hawnhekk ukoll din l-Onorabbli Qorti ma jeħtiġilha tagħti ebda provvediment f'dan ir-rispett. Fis-sottomissjonijiet tagħha A B C pero' titlob dikjarazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti fis-sens illi D C jiġi ordnat iħallas arretrai ta' manteniment "(...) b'dana wkoll li f'każ li d-dipartiment tas-sigurta' soċjali jitlob pagament, huwa l-konvenut li għandu jkun responsabbli li jħallas l-istess." L-esponenti ma jaqbilx ma' tali sottommissjoni għas-sempliċi raġuni 'lli din l-Onorabbli Qorti qatt ma ordnat lil D C iħallas retta alimentari favur martu. Is-sottomissjonijiet ta' D C f'dan ir-rispett, għall-esponenti, għandhom mis-sewwa .*

*91. F'din il-vena l-esponenti jagħmel aċċenn għal żvilupp esteru: il-Corte Suprema di Cassazzione Taljana, fis-sentenza tagħha 11504/17, issuperat l-orjentament preċedenti illi kien joħloq ness bejn il-quantum ta' retta alimenati mal-livell ta' għejxien mistenni ta' konjugu – il-manteniment ma għadux dovut lil min huwa jew jista' jkun indipendenti ekonomikament. L-Imħallfin tennew illi bil-firda "il rapporto matrimoniale si estingue non solo sul piano personale ma anche economico-patrimoniale, sicché ogni riferimento a tale rapporto finisce illegittimamente con il ripristinarlo, sia pure limitatamente alla dimensione economica del tenore di vita matrimoniale, in una indebita prospettiva di ultrattività del vincolo matrimoniale". L-indizji prinċiplai għall-indipendenza ekonomika, qalet il-*

*Cassazione huma r-reditti li jiġu mill-"capacità e possibilità effettive" li konjugu jaħdem u "la stabile disponibilità" ta' abitazzjoni.*

*Il-Komunjoni tal-akkwisti:*

*92. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-16 ta' Jannar 2019, din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-art. 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijeit ta' Malta ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi C.*

*93. Fid-dawl tal-provi prodotti, l-esponenti sejjer jipproponi s-segwenti pjan ta' likwidazzjoni u diviżjoni:*

*94. Permezz ta' relazzjoni mressqa fit-3 ta' Novembru 2015, il-Perit Arkitett Godwin Abela kkonkluda 'lli: (a) l-immobbli fl-indirizz 19, Triq is-Sienja, il-Kalkara għandu valur fis-suq ta' EUR105,000.00; u (b) l-immobbli fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun għandu valur fis-suq ta' EUR62,400.00. Din il-valutazzjoni ġiet imbagħad aġġjornata fis-26 ta' Jannar 2021 fejn l-Arkitett ikkonkluda 'lli: (a) l-immobbli fl-indirizz 19, Triq is-Sienja, il-Kalkara għandu valur fis-suq ta' EUR150,750.00; u (b) l-immobbli fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun għandu valur fis-suq ta' EUR81,500.00.*

*Hija r-rakkomandazzjoni tal-esponenti li A B C tiġi assenjata sehem D C mil-immobbli fl-indirizz 19, Triq is-Sienja, il-Kalkara, filwaqt li D C jiġi assenjat sehem A B C mil-immobbli fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun. Dan pero' mhux mingħajr id-debita ekwiparazzjoni, liema ekwiparazzjoni għandha tiġi kumputata skont il-valur ta' dawn iż-żewġ immobbli fid-data li l-eventwali sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti ssir res judicata u dejjem skont dak li rrelata il-Perit Arkitett Godwin Abela fir-rispett taż-żieda eventwali fil-valur tal-imsemmija żewġ immobbli.*

*Tali ekwiparazzjoni għandha wkoll tieħu qies ta' dawk il-ħlasijiet imwettqa minn D C wara s-16 ta' Jannar 2019, u ċioe' d-data meta din l-Onorabbli Qorti, ai termini tal-art. 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijeit ta' Malta ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-konjuġi C biex b'hekk D C jispettalhu l-jedd li jiġi rifuż nofs il-ħlasijiet minnu mwettqa wara din id-data.*

*95. Issa permezz ta' relazzjoni mressqa fil-21 ta' Marzu 2019, il-Perit Tekniku Roderick Camilleri kkonkluda 'lli: (a) l-makkinarju sitwat ġewwa l-fond fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun għandu valur*

*fis-suq ta' EUR600.00; u (b) l-istokk sitwat ġewwa l-fond fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun għandu valur fis-suq ta' EUR30,000.00; il-Perit Tekniku kkonkluda wkoll li ma kienx possibbli għalih jasal għall-valur tal-goodwill ta' dan in-negozju.*

*Hija r-rakkomandazzjoni tal-esponenti li D C jiġi assenjat sehem A B C mill-makkinarju u mill-istokk sitwat ġewwa l-fond fl-indirizz 12, S's Tailoring, Triq Indri Cilia, il-Ħamrun. Dan pero' mhux mingħajr id-debita ekwiparazzjoni. Tali assenjazzjoni tkun tfisser illi D C ikun jeħtieġlu jħallas lil A B C is-somma ta' EUR15,300.00 in linea ta' ekwiparazzjoni. Dwar il-goodwill ta' dan in-negozju, hija l-fehma tal-esponenti 'lli A B C ma jispettalha ebda sehem mill-istess in kwantu jemerġi ċar mill-provi akkwiżiti 'lli dan l-istess negozju ġie f'idejn D C bi tkomplija tan-negozju li kien jeżerċita l-ewwel in-nannu tiegħu u warajh missieru.*

*96. Ukoll permezz ta' relazzjoni mressqa fis-26 ta' Awwissu 2019, il-Perit Arkitett Robert Musumeci kkonkluda 'lli x-xogħolijiet li saru minn D C fl-immobbli fl-indirizz 12, Triq Maitland, il-Ħamrun għandhom valur ta': (a) kwantu għall-mano d'opera EUR5,505 (eskluża Taxxa fuq il-Valur Miżjud); u (b) kwantu għall materjal EUR7,800.00 (eskluża Taxxa fuq il-Valur Miżjud).*

*Filwaqt li l-esponenti ma għandu ebda dubju li dan il-fond jappartjeni lill-patrimonju parafernali ta' D C, ix-xogħolijiet indikati saru qabel ma seħħet il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ġja' viġġenti bejn il-kontedenti biex b'hekk hija r-rakkomandazzjoni tal-esponenti li D C jeħtieġlu jirrifondi lil A B C is-somma ta' EUR6,652.50 in linea ta' ekwiparazzjoni.*

*97. Fir-rispett tal-kontijiet bankarji, hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti illi D C jiġi assenjat kwalunkwe sehem u interess li A B C seta' kellha fis-segwenti:*

*- Dok. 'RA2' kont BOV Visa Classic intestat f'isem D C bin-numru tal-card 4552401306257043-9000064960; fil-15 ta' Novembru 2013 dan il-kont kellu bilanċ neCiv ta' EUR590.93.*
*- Dok. 'AG1' kont kurrenti intestat f'isem D C bin-numru 023-175888-001; fis-26 ta' Settembru 2013 dan il-kont kellu bilanċ neCiv ta' EUR15.19.*
*- Dok. 'AG4' kont HSBC Advance Visa Account intestat f'isem D C bin-numru tal-card 4035710035891931; fit-23 ta' Mejju 2013 dan il-kont kellu bilanċ pożittiv ta' EUR12.66.*

*- Dok. ‘AG6’ kont ta’ self intestat f’isem D C bin-numru 15007078; fit-3 ta’ Diċembru 2013 dan il-kont kellu bilanċ neCiv ta’ EUR542.15.*
*- Dok. ‘Z1’ kont kurrenti intestat f’isem D C a/c S’s bin-numru 18204013018; fl-4 ta’ April 2017 dan il-kont kellu bilanċ ta’ EUR60.09.*

*Bl-istess mod hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti illi A B C tiġi assenjata kwalunkwe sehem u interess li D C seta’ kellu fis-segwenti:*

*- Dok. ‘AG7’ kont savings intestat f’isem A B C bin-numru 040-009441-050; fis-16 ta’ Ottubru 2013 dan il-kont kellu bilanċ pożittiv ta’ EUR2,471.28.*
*- Dok. ‘HSBCX1’ kont savings intestat f’isem A B C bin-numru 040-009441-050; fl-4 ta’ Settembru 2018 dan il-kont kellu bilanċ ta’ EUR377.64.*

*Dan pero’ mhux mingħajr id-debita ekwiparazzjoni. Jirriżulta qbil bejn il-kontendenti li D C iħallas lil A B C is-somma ta’ EUR1,150.81 in linea ta’ ekwiparazzjoni. Din tal-aħħar pero’ tippretendi ekwiparazzjoni ulterjuri fis-somma ta’ EUR9,247.27. L-esponenti ma jaqbilx għal kollox u jħoss li tali ekwiparazzjoni ulterjuri għandha tkun fis-somma ta’ EUR2,247.27 rappreżentanti din is-somma nofs il-flejjes żbankati mill-kont kurrenti intestat f’isem D C a/c S’s, miżmuma mal-bank Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 18204013018 wara ‘lli dan allontana ruħu għal kollox mid-dar matrimonjali.*

*98. Fir-rispett tal-investiment magħmul mill-kontendenti mal-bank HSBC Bank (Malta) p.l.c., jismu ‘HSBC Accelarator Euro Note 2013’ hemm qbil bejn l-istess kontendenti ‘lli A B C tħallas lil D C is-somma ta’ EUR2,500.00; l-esponenti b’hekk jagħmel tiegħu dan il-qbil.*

*99. Fir-rispett tal-poza miżmuma mill-kontendenti mal-kumpannija MSV Life p.l.c., ossia l-polza Comprehensive Flexi Plan Baby Bond Policy bir-riferenza numru FP402425, l-esponenti jibda billi jagħmel riferenza għad-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti datat 21 ta’ Novembru 2013, permezz ta’ liema din l-stess Qorti ordnat “(...) lill-partijeit sabiex b’mod ugwali bejniethom ihallsu l-pagamenti dovuti lill-MSV Life (...)” in konnessjoni proprju ma’ din il-polza. Ma jirriżultax kontestat illi A B C ma ottemporatx ruħha ma’ dan id-digriet. Hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti ‘lli A B C għandha tiġi ordnata sabiex, fi żmien stipulat minn din l-Onorabbli Qorti minn meta s-sentenza tagħha ssir res judicata, hija taffettwa l-ħlasijiet*

*kollha 'lli hija effettivament naqset milli twettaq sabiex b'hekk din il-polza tiġi rintegrata. Fin-nuqqas li tagħmel dan fiż-żmien stipulat, din l-Onorabbli Qorti għandha tawtorizza lil D C iwettaq tali ħlasijiet, liema ħlasijiet jiġu mbagħad detratti minn kwalunkwe ammont dovut minn A B C lil D C. Sussegwentement, l-esponenti jirrakkomanda 'lli din il-polza għandha tiġi likwidata bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti.*

*100. Fir-rispett issa tal-flejjes imħallsa minn D C qua garanti ta' ħuħ Joseph C, A B C titlob rifużjoni tas-somma ta' EUR6,850.00 ossia nofs dik imħallsa minn D C ta' EUR13,700.00. D C jargumenta li martu ma jispettalhiex aktar minn EUR4,000.00 in kwantu parti minn din is-somma huwa ħallasha wara li allontana ruħu għal kollox mid-dar matrimonjali. L-esponenti ma jaqbilx mas-sottomissjoni ta' D C in kwantu l-flejjes minnu ddedikati għal dan l-iskop kienu proprjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti ġja' viġġenti bejn il-kontendenti biex b'hekk l-esponenti sejjer jissuġġerixxi li D C għandu jirrifondi lil A B C is-somma ta' EUR6,850.00.*

*101. Daqastant ieħor D C għandu jirrifondi lil A B C is-somma ta' EUR32,000.00 liema somma tirrappreżenta nofs is-somma in kontanti 'lli huwa ħa miegħu meta f'Ottubru 2011 huwa allontana ruħu għal kollox mid-dar matrimonjali. F'dan ir-rispett, u in vista tal-pożizzjonijiet rispettivi tal-kontendenti, l-esponenti qiegħed jistrieħ intermanet fuq Dok. 'CB'.*

*102. Fir-rispett tal-vettura tal-għamla Citroen C1 targata SAR-041 jirriżulta qbil bejn il-kontendenti 'lli A B C tiġi assenjata sehem D C minn din il-vettura versu ekwiparazzjoni pagabbli lil D C ta' EUR250.00; l-esponenti b'hekk jagħmel tiegħu dan il-qbil.*

*103. Dwar ir-reklam ta' D C fir-rispett tar-ritorn tal-oġġetti sentimentali, l-esponenti, anke in vista tan-nuqqas ta' oppożizzjoni ta' A B C f'dan ir-rispett, qiegħed jirrakkomanda li l-istess A B C tirritorna lil D C tali mill-oġġetti hekk elenkati li jinsabu fil-pussess tagħha.*

*Spejjeż Ġudizzjarji:*

*104. In vista ta' dak rakkomandat, l-istanti jħoss illi l-ispejjeż ġudizzjarji għandhom jinqasmu kwantu għal nofs fuq A B C u kwantu għal nofs fuq D C.*

*Tant ghadu j'jissottometti l-Perit Legali għall-ġudizzju finali ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti hija tal-fehma li l-Perit Legali ħa konsiderazzjoni profonda tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawza. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-każ.

**L-azzjoni odjerna**

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob illi l-Qorti tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan minħabba adulterju, vjolenza, eċċessi, moħqrija, sevizzi, minaċċi, theddid u inġurji gravi *da parti* tiegħu, tordna li l-kura u kustodja tal-minuri E tiġi fdata lilha u tikkundanna lill-konvenut iħallas retta alimentarja xierqa għaliha u għall-minuri, tapplika kontra l-konvenut l-effetti tal-Artikoli 48 *et seq.* tal-Kap 16, ixxolji, tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti b'mod illi d-dar matrimonjali tiġi assenjata lilha ad esklużjoni tal-konvenut, tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali u tawtorizżżaha tirreverti għal kunjom xbubitha ossia *Degiorgio*.

Filwaqt li l-konvenut jippreżenta risposta ġuramentata abbażi ta' liema jaqbel ma' uħud mit-talbiet tal-attriċi, iżda jopponi għall-oħrajn fosthom li ż-żwieġ tkisser għal tortijiet imputabbli lilu, huwa jippreżenta kontro-talba fejn jitlob illi tiġi pronunzjata s-separazzjoni minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attriċi, tiffissa modalitajiet ta' aċċess li huwa għandu jkollu versu t-tifla minuri E u tiffissa retta alimentarja li huwa għandu jħallas għall-bżonnijiet tal-istess minuri, tapplika l-effetti tal-Artikoli 48 *et seq.* kontra l-attriċi *in toto* jew *in parte* u ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti filwaqt li tassenja l-porzjonijiet lil kull wieħed *ope sententium*.

Għaldaqstant, gjaladarba jirriżulta mill-atti li ż-żwieġ bejn il-partijiet tkisser u m'hemmx ċans ta' rikonċiljazzjoni, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tevalwa l-provi prodotti biex tiddikjara l-firda bejn il-partijiet peress li jidher ċar li hemm diżgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' lil min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ u kif ukoll rigward l-effetti

konsegwenzjali taż-żwieġ, u dan kif jirriżulta ben ċar abbażi tal-provi mressqa.

## 1. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilità għat-tifrik taż-żwieġ

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tgħaddi sabiex terġa' tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom, u dan *in vista* tal-fatt illi dan diġà jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intjer tiegħu. In sinteżi, il-Qorti tara illi

a) L-attriċi tallega illi ż-żwieġ tfarrak minħabba l-aġir aggressiv u vjolenti tal-konvenut u li dan iż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba l-aġir abbuživ u vjolenti tiegħu u ssostni li huwa ħati ta' adulterju. Hija tgħid li ż-żwieġ tkisser senjatament minħabba li l-konvenut kien ħati ta' *adulterju, vjolenza, eċċessi, moħqrija, sevizzi, minaċċi, theddid, u inġurji gravi;*

b) Il-konvenut jallega illi ż-żwieġ tagħhom sfaxxa fix-xejn minħabba li jallega li l-attriċi kienet possessiva u ossessjonata fuqu u li bħala konsegwenza rrendiet il-ħajja konjugali bejn il-partijiet impossibbli. Huwa jgħid li ż-żwieġ tkisser senjatament minħabba li l-attriċi kienet ħatja ta' *adulterju, eċċessi, sevizzi, moħqrija, theddid u offiżi gravi.*

Din il-Qorti eżaminat hi wkoll il-provi mressqa, u taqbel mal-allokazzjoni tat-tortijiet a bażi ta' dak li ġie espost u spjegat mill-abbli Perit Legali iżda tħoss li għandha tispjega f'iktar dettall il-konvinċiment tagħha li jwassalha għal din il-konklużjoni.

Il-provi prinċipali li għandha quddiemha l-Qorti dwar it-tortijiet taż-żwieġ huma l-affidavits taż-żewġ partijiet u l-*counsellors* li kienu effettivament *counsellors* li fittxet l-attriċi. Minn dak li joħroġ mill-provi, jidher li f'dan iż-żwieġ min-naħa kien hemm il-konvenut li kien jidher li jħobb joħroġ, jiltaqa' mal-ħbieb anke kif jgħid hu darbtejn f'ġimgħa għal siegħat sħaħ u li ried dik il-libertà li jkun jista' jagħmel dan, anke jiltaqa' ma ħbieb tas-sess oppost, u fuq in-naħa l-oħra, l-attriċi, li ftit jew wisq kienet possessiva ta' żewġha u ma kinitx tgħin biex tipprova tersaq iktar qrib żewġha billi toħroġ

iktar miegħu, u kienet tikkritika bl-aħrax dan il-ħruġ tant li kienu jispiċċaw jargumentaw bil-kbir.

Il-konvenut jispjega l-ħinijiet twal ta' xogħol li kien jaħdem. Huwa jgħid li *"Fl-gherusija u l-bidu taz-zwieg taghna jien kont nahdem bhala mastrudaxxa ma' Disinji Gusti u imbaghad ma' Seguna Woodworks. Ma' dawn ta' l-ahhar kont nahdem mis-07:00 sat-15:30. Apparti minn hekk kont inqum fl-04:15 biex immur sal-hanut tal-hjata ta' missieri fil-Belt biex nghinu jlesti x-xoghol filghodu kmieni. Wara li kont li nlesti ma' Seguna Woodworks kont nerga' mmur il-hanut ta' missieri u naghmel hemm sas-19:00 nghinu. Tlett darbiet fil-gimgha kont immur ukoll fil-Kazin tas-Sliema Wanderers nahdem mis-19.30 sal-23.00 fil-bar. Jien dejjem hdimt u stinkajt ghaliex ridt nipprovdi lil familti bl-aqwa."*

Imbagħad meta kellu n-negozju tiegħu kien ovvjament jaħdem ħinijiet twal inevitabilment. Jgħid ukoll li martu ma kinitx tħallih idaħħal lavranti għaliex kienet tgħir għan-nisa u kienet tgħid li l-irġiel ikunu jridu mbagħad jitilqu għal rashom. Fil-fatt jgħid li issa (wara li sseparaw *de facto*) huwa daħħal impjegat miegħu u għalhekk jidher li verament kienet hi li twaqqfu milli jagħmel dan. Għalkemm il-Qorti tapprezza illi kien qed jagħmel dawn il-ħinijiet twal u jaħdem għall-familja biex huma jgħixu tajjeb, kif jidher li kienu jagħmlu, imbagħad kien iżid iktar ħin barra mid-dar meta joħroġ anke darbtejn f'ġimgħa ma' sħabu u anke fil-weekend u jdumu anke mal-erba' siegħat jaraw il-football. Ġieli anke kien ikollu ikliet mal-ħbieb. Għaldaqstant mhux talli kien idum siegħat il-bogħod mid-dar ħabba x-xogħol (li fih inniffsu ma hix xi ħaġa ħażina) iżda mbagħad kien b'mod daqstant regolari jqatta' iktar siegħat il bogħod minn martu. Il-Qorti tħoss li dan ma għinx sitwazzjoni fejn il-mara diġà kellha problema fejn kienet possessiva, kif jgħid hu stess, u għalhekk bl-aġir tiegħu kien qed jippeġġjora s-sitwazzjoni. Fil-fatt, il-konvenut stess jgħid li *"litteralment kont niddejjaq immur f'dari stess u ghalhekk kont naghmel milli nista' biex ma mmurx billi noqghod aktar sieghat fil-hanut jew nipprova nohrog".* Għalhekk il-konvenut stess kien qed jammetti illi kien qed iżomm il bogħod minnha biex jiddistakka ruħu minnha.

L-attriċi, minn naħa tagħha, ma kienux jogħġbuha sħab il-konvenut u tidher li ma għamlet l-ebda sforz biex tipprova tilħaq kompromess u kultant

anke toħroġ ma' żewġha u sħabu. Meta marret kien bħal biex tinvestiga fejn qiegħed u l-iktar ma' min qiegħed, u fil-fatt sabitu jitkellem ma' Maya, li proprju kellha suspett li żewġha qed jaqlibielha magħha. Is-sitwazzjoni kienet toħloq iktar tensjoni u l-konjuġi, minflok jidher li resqu lejn xulxin, jidher li ma kkomunikawx sewwa dak li kienu qed iħossu biex minn naħa tat-tnejn jippruvaw jersqu nofs triq.

Il-konvenut iħoss li martu kienet dejjem taqbad miegħu, tinstigah u toħloq argumenti b'mod li kienet qed tbiegħdu minnha, u minn naħa tagħha, l-attriċi tħoss li żewġha kien aggressiv magħha u kien joħloq tensjoni b'dan il-mod u kien ħsiebu biex jitlaq il barra. Il-Qorti tħoss fil-fatt li dan kien ċirku vizzjuz ta' kawża u effett reċiproku fejn dawn l-elementi kienu qed jintensifikaw u jaggravaw lil xulxin b'mod li wasslu b'mod inevitabbli għall-aggravament tas-sitwazzjoni.

Bejn provokazzjoni u instigazzjoni minn naħa tal-attriċi, fejn il-konvenut jgħid li anke wliedu kienu jsiktuha, u l-mod iktar aggressiv kif kien jirreaġixxi l-konvenut, jidher illi l-konjuġi kienu jintilfu f'argumenti spissi u joħolqu ambjent ta' tensjoni ġewwa d-dar. Il-konvenut stess jgħid li kien ikollhom anke ġlied fiżiku. Madanakollu, għalkemm l-attriċi tirrakkonta numru ta' inċidenti fejn tgħid li l-konvenut kien vjolenti, ma hux ċar u l-Qorti m'għandhiex provi fattwali, li jistgħu jikkonvinċuha li dan l-aġir kien biss min-naħa tal-konvenut u x'kien l-estent tiegħu. Kif joħroġ mill-kontro eżami tal-attriċi, per eżempju, l-inċident fejn il-konvenut sabbat il-mejda u hi weġġgħet ma kienx wieħed fejn weġġagħha intenzjonalment iżda inċidentalment laqgħatha. Dan ma jfissirx illi min-naħa tiegħu kien ġustifikat li jirreaġixxi b'dan il-mod iżda jidher li min-naħa tat-tnejn jirriżultaw reazzjonijiet aggressivi bħal meta jgħid li l-attriċi ħadet is-sikkina f'idha. Huwa ċar għall- Qorti illi bejn il-partijiet kienu jinħolqu għadd ta' argumenti li neħħew il-feliċità taż-żwieġ u waqqfu milli jkun hemm dak li l-liġi trid miż-żwieġ u *ċioé għaqda* u *stabbilità.*

Fil-fatt il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali li jikkonkludi li bejn il-konjuġi rriżultaw sevizzi li kienu qed ikissru ż-żwieġ u li kienu ħatja għalihom iż-żewġ partijiet. F'dan l-istadju ssir referenza għas-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[15] u **Antoinette Cauchi vs**

[15] Deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, (Vol. XLV C.ii.708).

**Alexander Cauchi**,[16] fejn ġie ritenut illi, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' **azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi**"* Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Oa sive Lilly Montebello vs John Mary *sive* Jimmy Montebello**[17] intqal illi: "*Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, **stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali.** Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili.*"

Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil **eċċessi**, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*. Jgħallem Baudry Lacantinerie illi "*Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima.*"[18]

Il-Qorti tħoss li għalkemm ġie pruvat ampjament li ż-żewġ partijiet kienu ħatja ta' sevizzi, madanakollu ma jistax jingħad l-istess għall-eċċessi.

Fir-rigward ta' **inġurji** u **offizi gravi** dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*.[19]

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deċiża fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti kienet qieset illi l-fatt illi żewġ l-attriċi kien iħalliha nieqsa mill-

---

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003 (Ċit. Nru. 1677/1995/RCP).
[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016.
[18] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[19] Ara Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud u Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi ġia ċitati.

flus, u l-fatt illi kien ħati ta' abbuż emozzjonali minħabba diversi offiżi u nsulti da parti tiegħu kontra martu, irrendieh ħati ta' sevizzi u inġurji gravi fil-konfront ta' martu u li għalhekk kellu jerfa' r-responsabbilita primarja għat-tifrik taż-żwieġ.

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' **theddid u vjolenza**, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti iżolati waqt xi tilwima".*[20] Iżda fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone *pro et noe* vs Jesmond Tabone**,[21] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[22]; Skond l-istess Qorti "*Is-swat, … hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[23]

Għalkemm isiru numru ta' allegazzjonijiet mill-attriċi f'dan ir-rigward, hija ma ġġibx provi ta' vjolenza li setgħu wasslu biex iż-żwieġ jitkisser u l-konvenut jitlaq mid-dar. Ir-rapporti li saru f'dak il-perjodu ma wasslu għal ebda proċeduri kriminali quddiem il-Qorti u lanqas ma ġew preżentati l-ebda ċertifikati mediċi minn naħa tal-attriċi. It-tensjoni li tissemma mill-professjonisti li rrikorriet għandhom l-attriċi tidher li kienet ir-riżultat ta' tilwim kontinwu li kien ikollhom bejniethom il-konjuġi u mhux daqshekk minn xi vjolenza li kienet għaddejja bejniethom. Il-mod kif kienet tipprovoka l-attriċi u l-mod kif kien jirreaġixxi b'mod goff il-konvenut fejn jidher li kien hemm drabi anke fejn kisser xi affarijiet kienu t-tnejn qed joħolqu tensjoni kbira kull meta jinqala argument.

Punt li l-iktar isemmu fil-fatt dawn il-professjonisti huwa l-istress li kellha l-attriċi u l-inkwiet li kellha minħabba terza persuna li tgħid li kellu relazzjoni magħha l-konvenut. Fil-fatt din kienet tidher li kienet fuq moħħ l-attriċi mhux biss dwar il-mara li mbagħad issuspettat fiha, iżda anke minn

[20] Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-21 ta' Frar 1969.
[21] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[22] Genoveffa Magri vs Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[23] Charmaine Zahra *pro et noe* vs Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

kummenti li kienet tgħaddi lill-konvenut dwar kif jilbes, l-ammont ta' telefonati meta jkun barra, kif ukoll dwar meta joħroġ u saħansitra fuq min idaħħal bħala lavranti. L-inċident iżda li l-iktar qajjem suspett fl-attriċi kien meta l-konvenut kellu jmur konferenza Ruma iżda li skont l-attriċi din kienet gidba għaliex ma huwa mhux vera attenda konferenza iżda minflok mar Belgrade. Hija ssib il-GPS b'rottot ġewwa s-Serbja u anke tgħid li għamlet il-verifiki tagħha u ma sabitx li kien hemm konferenzi Ruma dwar dak li qalilha l-konvenut.

Il-konvenut, min-naħa tiegħu, jispjega illi din tas-Serbja kienet biss ġurnata li mar minn Ruma stess. Huwa jgħid li l-biljetti għal Ruma qatathomlu martu stess u mbagħad minn hemm iddeċieda li jmur ġurnata Belgrade ma' ħabib kbir tiegħu u hemm iltaqa' wkoll ma' Maya iżda dan mingħajr ma kien pjanat qabel li jagħmel dan kollu. Il-Qorti ma tħossx, kif fil-fatt jikkonkludi anke l-Perit Legali, li għandha biżżejjed provi dwar l-adulterju. Il-Qorti tħoss li s-suspetti kollha tal-attriċi ma ġewx pruvati. Biex il-Qorti tista' tikkonkludi li kien hemm **adulterju**, il-provi jridu jkunu *gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".* [24]

Madanakollu, il-konvenut, min-naħa tiegħu, anke jekk ma kienx fattwalment qed jikkommetti adulterju, ma kien qed jagħmel xejn biex jgħin is-sitwazzjoni u jserraħ ras martu li fil-fatt ma kien qed jagħmel xejn mhux floku. Huwa jagħmel is-sitwazzjoni agħar meta jgħidilha biex ma tikkuntatjahx għaliex għandu ħafna x'jagħmel ġewwa Ruma u lanqas ma jgħidilha bil-pjan li kellu li jmur is-Serbja. Għalhekk meta din imbagħad skopriet x'kien għamel is-suspetti tagħha ovvjament iggravaw. Il-Qorti tħoss li dan l-aġir min-naħa tal-konvenut kien jikkostitwixxi inġurja fejn il-konvenut bħall-fatt li kien joħroġ daqstant ma' sħabu minkejja li dan kien tant jaffetwa lil martu, hawn ukoll għamel il-pjanijiet tiegħu mingħajr ma qal lil martu minkejja li kien jaf kemm hi kienet sensittiva dwar ma' min hu qed jiltaqa'. Min-naħa tagħha iżda martu ma kinitx qed tgħin bl-akkużi tagħha u l-komportament ma' żewġha illi huwa jkun *open* magħha f'dawn l-affarijiet għaliex kienet toħloq argument kull darba fuq dan.

---

[24] Maria Dolores *sive* Doris Scicluna vs Anthony Scicluna, deċiża fis-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċit. Nru. 1715/2001/1RCP).

Sussegwentement iż-żewġ partijiet bdew relazzjoni extr-matrimonjali u għalkemm dawn ir-relazzjonijiet ma jistax jingħad li kienu l-kawża tat-tkissir taż-żwieġ, żgur li bihom għalqu kull possibiltà li jersqu lejn xulxin. Fil-fatt l-attriċi stess tammetti illi hija bdiet toħroġ mal-*partner* tagħha I G mill-2012[25] meta l-konvenut kien telaq mid-dar biss ftit xhur qabel proprju f'Ottubru 2011. Il-konvenut minn naħa tiegħu, fix-xhieda tiegħu fl-2017, jgħid li ilu mal-*partner* tiegħu G H għal madwar sentejn u nofs, tliet snin, madanakollu l-attriċi kienet skopriet li qed jiffrekwenta lil H fil-bidu tal-2012.

Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi ż-żewġ partijiet huma ħatja ta' offiża gravi wara li allegaw adulterju u mbagħad ma ppruvawhx.

Għaldaqstant il-Qorti tħoss illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti tkisser minħabba li t-tnejn kienu ħatja ta' sevizzi, inġurji u offiżi gravi fil-konfront ta' xulxin.

*<u>Il-Ħall taż-Żwieġ:</u>*

Il-konvenut jitlob li din il-kawża tiġi konvertita f'waħda għall-ħall taż-żwieġ u l-attriċi b'nota tat-8 ta' Mejju 2017 tiddikjara li hija ma għandhiex oġġezzjoni għal dan u li r-rekwiżiti għall-pronunzjament tad-divorzju huma sodisfatti u li hi qed tirrinunzja għat-talba tagħha li tirċievi manteniment mingħand żewġha.

L-Artikolu 66F tal-Kap 16 jagħti l-fakolta li "*Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.*"

Stabbilit min għandu l-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tippronunzja ruħha dwar it-talba għall-ħall taż-żwieġ. Jiġi ribadit illi

[25] Kontro-eżami tal-attriċi fis-seduta tat-12 t'April 2018 a fol. 428.

sabiex tintlaqa' talba għall-pronunzjament ta' divorzju, il-Qorti trid tkun sodisfatta skont l-Artikolu 66B li:

(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew

(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u

F'dan il-każ il-partijiet jaqblu li l-konvenut telaq mid-dar, u għalhekk li ilhom separati *de facto,* minn Ottubru 2011 u t-talba saret fl-2017 u għalhekk ir-rekwiżit (a) huwa sodisfatt.

(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:

F'dan il-każ ma jidhirx li hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni.

Dwar il-manteniment, ulied il-konjuġi huma issa maġġorenni u ma hemmx pendenzi ta' manteniment f'dan ir-rigward u l-attriċi tirrinunzja għad-dritt li titlob manteniment mingħand żewġha għaliha permezz ta' nota risponsiva għat-talba tal-konverżjoni tal-konvenut.

Fid-dawl tas-suespost, jirriżulta li l-provi mressqa jissodisfaw dak rikjest mill-Artikolu 66B tal-Kap 16 għall-ksib tad-divorzju u ma tara ebda raġuni għalfejn għandha tiċħad it-talba tal-konvenut għall-ksib tal-istess.

2. **L-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kap 16 fil-konfront tal-attur u l-konvenuta;**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16, filwaqt li l-konvenut fil-kontro-talba jitlob biex dawn jiġu applikati fil-konfront ta' martu.

L-Artikolu 48 jgħid kif ġej:

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*
*(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."*

Minn naħa l-oħra:

*51. Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu.*

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ *ai termini* tal-Artikolu 48 tal-Kap 16. Fil-każ odjern iż-żewġ partijiet instabu ħatja għat-tifrik taż-żwieġ minħabba sevizzi u offiżi gravi u għalhekk il-Qorti tħoss li s-sanzjonijiet elenkati f'Artikolu 48 tal-Kap 16 għandhom jiġu applikati *in toto* kontra ż-żewġ partijiet.

Id-data meta l-partijiet jistgħu jitqiesu li kienu ħatja tal-firda hija d-data meta l-konvenut telaq mid-dar u *ċioé* Ottubru 2011.

## 3. Manteniment għall-attriċi

L-attriċi titlob manteniment għaliha fit-talbiet fir-rikors ġuramentat tagħha, iżda mbagħad fin-nota risponsiva għar-rikors tal-konvenut fejn jitlob illi l-kawża tkun konvertita f'waħda ta' divorzju, tagħżel li tirrinunzja għall-manteniment. Sussegwentement iżda, fin-nota ta' sottomissjonijiet filwaqt li ttenni li hi rrinunzjat għall-manteniment titlob illi tingħata *arretrati ta' manteniment* b'dana wkoll li f'każ li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jitlob pagament, huwa l-konvenut li għandu jkun responsabbli li jħallas l-istess.

Il-Qorti tibda biex tgħid li l-attriċi fir-rikors ġuramentat talbet manteniment u mhux arretrati ta' manteniment u għalhekk ma tistax issa tqis dik il-pretensjoni *stante* li la intalbitx formalment u għalhekk il-Qorti tkun inkella qed tiddeciedi *extra petita*. Oltre dan hija titlob illi f'każ li d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jitlob pagament il-konvenut għandu jkun responsabbli. Barra li din hija talba ipotetika l-Qorti ma tħossx li wara li l-attriċi gawdiet id-dar matrimonjali minn Ottubru 2011 weħedha, issa għandha wkoll tingħata manteniment għal dak l-istess żmien fejn hija kienet qed tgawdi minn dan il-vantaġġ.

In ogni caso l-attriċi nstabet ħatja daqs il-konvenut għat-tifrik taż-żwieġ u l-Qorti ddeċidiet li hija ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħand żewġha u għalhekk il-Qorti tiċħad it-talba tal-attriċi għal kwalunkwe manteniment anke jekk fil-forma ta' arretrati.

## 4. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali:

*Bidu tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Il-Qorti tirrileva li ladarba l-partijiet iżżewġu nhar it-30 ta' Marzu 1989, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Illi kemm fir-rikors ġuramentat tal-attriċi (*vide* il-ħames talba tagħha) kif ukoll fil-kontro-talba tal-konvenut (*vide* il-ħames talba tiegħu) hemm talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi hawnhekk il-Qorti tirreferi għas-sentenza *in parte* tagħha datata 16 ta' Jannar, 2019 fejn ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwsiti, b'effett mid-data li s-sentenza għaddiet in ġudikat. Kwindi minn dakinhar li s-sentenza għaddiet in ġudikat iż-żwieġ tal-partijiet kien regolat permezz tar-reġim tas-separazzjoni tal-beni. Fis-sentenza *in parte* tagħha l-Qorti qalet li l-ispejjeż tal-istess proċedura jiġu deċiżi mas-sentenza finali.

Illi in vista ta' dan il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dik il-parti tal-ħames talba tal-attriċi u ta' dik il-parti tal-ħames talba tal-kontro-talba tal-konvenut li tindirizza t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti *stante* li llum huwa mertu deċiż u eżawrit.

*Elenku ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u assi parafernali, il-Likwidazzjoni, id-Diviżjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom:*

F'dan is-sens il-Qorti issa tgħaddi biex tagħmel analiżi tar-rapport tal-Perit Legali anki fid-dawl tad-domandi li saru mill-partijiet in eskussjoni u n-noti tal-partijiet.

**a. Dar matrimonjali bl-indirizz Nru. 19, Triq is-Sienja, Kalkara**

Hemm qbil bejn il-partijiet li d-dar matrimonjali inxtrat fiż-żwieġ u tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut telaq mid-dar f'Ottubru 2011 u fid-dar baqgħet toqgħod l-attriċi flimkien ma wlied il-partijiet. L-attriċi tippretendi li tħallas sehem il-konvenut mid-dar u li hija tiġi assenjata tali proprjetà.

Il-Perit Godwin Abela fir-relazzjoni aġġornata li ppreżenta fis-26 ta' Jannar 2021[26] jaġġorna l-valur tad-dar matrimonjali għal €150,750 għaliex fl-opinjoni tiegħu *irid jigi applikat fattur inkrimentali tal-valur ta' sebgha punt hamsa fil-mija (7.5%) ghal kull sena bejn 2015 u 2020.* Il-konvenut għalhekk jippretendi li jew tinbiegħ id-dar fis-suq miftuħ u jinqasam ir-rikavat bejn il-partijiet, jew jekk l-attriċi tiġi assenjata tali proprjetà jitqies il-valur inkrimentali kif redatt mill-Perit Abela. Il-Perit Legali ma jieħux dan in konsiderazzjoni u l-Qorti taqbel mal-konvenut li dan għandu jittieħed in konsiderazzjoni fil-valur tal-proprjetà llum. Għalhekk il-Qorti qed tassenja d-dar matrimonjali lill-attriċi bil-valur tal-proprjetà jitqies li jkun dak ta' €150,750 flimkien ma' awment kull sena ta' 7.5% mill-2021 sakemm is-sentenza tgħaddi in ġudikat u l-attriċi għalhekk tħallas lill-konvenut nofs il-valur tal-proprjeta li jitqies li jkun dak ta' €150,750 flimkien ma' awment kull sena ta' 7.5% mill-2021 sakemm is-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Il-konvenut għandu jingħata wkoll nofs il-pagamenti tal-loan li huwa ħallas wara li ġiet xolta l-komunjoni tal-akkwisti u *ċioé* mis-16 ta' Jannar 2019 sakemm ġiet imħallsa l-loan.

L-attriċi għalhekk għandha tiġi assenjata d-dar matrimonjali u tagħti lill-konvenut sehemu li jikkonsisti f'nofs il-valur ta' €150,750 flimkien ma' awment kull sena ta' 7.5% mill-2021 sakemm is-sentenza tgħaddi in ġudikat u minnu jiżdied nofs il-ħlasijiet li huwa għamel biex tinqata' l-loan mis-16 ta' Jannar 2019 li l-attriċi stess tammetti li għamilhom kollha hu wara li telaq mid-dar fl-2011.[27]

## b. Il-proprjetà bl-indirizz Nru. 12, Maitland Street, Ħamrun

Ma hux kontestat li din hija proprjetà li l-konvenut akkwista b'donazzjoni[28] u għalhekk parafernali tiegħu. Kif jixhed il-konvenut stess fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2016 huwa beda jirrisjedi f'din il-proprjetà madwar sentejn qabel u jispjega x-xogħolijiet li huwa għamel f'din il-proprjetà. Fis-seduta tal-4 ta' April 2017[29] jgħid li meta daħal fil-post huwa għamel ix-xogħolijiet meħtieġa biex ġabu abitabbli għalih. Dan kien fiż-żmien

[26] Fol. 315
[27] Seduta tad-9 ta' Diċembru 2020 a fol. 452.
[28] Kuntratt ta' donazzjoni a fol. 1470.
[29] Fol. 413.

għalhekk li l-komunjoni tal-akkwisti kienet għada ma ġietx terminata u għalhekk l-attriċi għandha kreditu għal ammont ta' nofs il-valur tax-xogħolijiet u l-materjal li ntefaq fuq din il-proprjetà mill-attur.

Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li skont ir-rapport tal-Perit Tekniku ppreżentat fis-26 t'Awwissu 2019[30] il-konvenut għandu jagħti lill-attriċi s-somma ta' €6,652.50 in linea t'ekwiparazzjoni.

### c. In-negozju bl-isem *S's Tailoring* u l-immobbli bl-indirizz 12, *S's Tailoring*, Triq Indri Cilia, Ħamrun

Il-partijiet ma jaqblux dwar jekk in-negozju bl-isem *S's Tailoring* jifformax parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti. L-attriċi tinsisti li n-negozju jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u tgħid li dan ġie akkwistat fiż-żwieġ u li minn imkien ma jirriżulta li l-liċenzja kienet l-istess waħda li kienet ta' missier il-konvenut.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan u fil-fatt taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali illi n-negozju ġie f'idejn il-konvenut bi tkomplija tan-negozju li kien jeżerċita l-ewwel in-nannu tiegħu u warajh missieru. Dan joħroġ mill-provi, speċifikatament mid-dokumenti ppreżentati mir-rappreżentant tat-Trade Licensing Unit li *inter alia* jippreżenta dokument[31] li juri li l-liċenzja li kienet tgħajjat lil M C, missier il-konvenut tikkonsisti f'liċenzja għal *tailor/wearing apparel.* Fil-fatt meta n-negozju għadda fuq il-konvenut mingħand missieru huwa baqa' jopera għal xi żmien mill-istess ħanut. Għaldaqstant il-Qorti taqbel li l-attriċi ma għandiex sehem mill-*goodwill* tan-negozju.

Madanakollu jidħol fil-komunjoni il-frott tal-beni tal-partijiet miżżewwġa skond l-Artikolu 1320 tal-Kap 16. Dan ifisser illi l-qliegħ li kien qed jidħol min negozju tal-konvenut għandu jiġi mitqies illi jifforma parti mil-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet sakemm ġiet terminata fl-2019. Il-Qorti madanakollu tqis illi dan kien l-introjtu prinċipali tal-partijiet u kien bih li l-familja kienet qed titgħajjex u tgħix, kif ġie pruvat, sewwa u komdi u għalhekk iż-żewġ partijiet flimkien ma' wliedhom għexu u gawdew b'dan l-introjtu.

[30] Fol. 290.
[31] Dok. CC5 a fol. 1462.

Il-Qorti kkonkludiet li l-partijiet kienu ħatja tal-firda minn Ottubru 2011 u applikat kontrihom l-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kap 16, għaldaqstant l-attriċi ma għandiex dritt għal nofs l-akkwisti wara Ottubru 2011 għaliex skond l-Artikolu 48(1)(ċ) il-parti li kontriha jiġu applikati l-effetti ta' dan l-Artikolu titlef id-dritt għal nofs l-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda.

Il-Qorti tara illi l-fond bl-indirizz 12, *S's Tailoring*, Triq Indri Cilia l-Ħamrun inxtara fiż-żwieġ u skont l-aħħar valutazzjoni tal-Perit Arkitett Godwin Abela[32] għandu valur fis-suq ta' €81,500 għaliex l-istess Perit applika fattur inkrimentali ta' 5.5% għal kull sena bejn 2015 u 2020. Il-Qorti tħoss li dan l-istess valur inkrimentali għandu jiġi applikat sad-data illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u għalhekk filwaqt li l-fond jiġi assenjat lill-konvenut, l-attriċi tingħata nofs il-valur ta' €81,500 flimkien ma valur inkrimentali ta' 5.5% mill-2021 sad-data meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Ma' dawn tingħata nofs il-valur tal-istokk u makkinajru li l-Perit Tekniku Roderick Camilleri kkonkluda li kammontaw għal €30,600, biex b'hekk il-konvenut jeħtieġlu jħallas lill-attriċi s-somma ta' €15,300 tal-mobbli ta' ġol-fond ukoll.

Il-Qorti tħoss li l-attriċi għandha wkoll tkun kumpensata għad-dejn ta' Lm5,000 li tixhed li tħallas fiż-żwieġ meta n-negozju kien trasferit minn fuq missier il-konvenut. Il-Konvenut stess jikkonferma li kien hemm dejn fuq in-negozju f'dan il-punt għalkemm ma jikkommettix fuq ammonti. Għalhekk flimkien mal-ammonti speċifikati hawn fuq il-konvenut għandu jgħaddi lill-attriċi bħala kreditu li hija għandha kontra l-komunjoni, l-ammont ta' Lm2,500 u *ċioé* s-somma ta' €5,823 rappreżentanti nofs id-dejn li tħallas mill-partijiet fiż-żwieġ fuq in-negozju meta dan għadda mingħand missier il-konvenut.

### d. Kontijiet Bankarji u investiment mal-bank HSBC Bank (Malta) p.l.c. bl-isem *HSBC Accelarator Euro Note 2013*

[32] Fol. 315.

Il-Qorti tiddeċiedi illi kull parti żżomm il-kontijiet intestati fuq isimha u ssir l-ekwiparazzjoni kif proposta mill-Perit Legali u taddotta dak li jgħid f'paragrafu 97 u 98 tar-rapport.

**e. Is-somma li ħa miegħu l-konvenut meta telaq mid-dar matrimonjali f'Ottubru 2011**

Il-partijiet jaqblu li meta l-konvenut telaq mid-dar ħa miegħu ammont ta' flus kontanti li l-attriċi tinsisti li kienu jammontaw għal €70,000 filwaqt li l-konvenut jgħid li minn dawn is-€70,000 huma kienu ħallsu safra Barcellona u nefqu minnhom madwar €5,000. Il-konvenut jippreżenta wkoll dokument datat 5 ta' Lulju 2011 (Dok. CB)[33] li minnu jirriżulta li kien hemm is-somma ta' €64,000 bħala kontanti d-dar. Is-safra lejn Barcellona saret f'Awwissu 2011 u l-attriċi tgħid fis-seduta tas-17 ta' Frar 2020 illi "*L-ahhar safra kienet dik lejn Barcellona f'Awwissu 2011. Din is-safra thallset, sa fejn naf jien, bil-flus li D kellu l-bank; ziedhomx b'xi cash li kien gabar mill-hanut fil-gimgha ta' qabel ma morna, ma nafx. Naqbel li l-flus mis-safe deposit box ingibdu qabel ma morna Barcellona.*"[34]

Il-Qorti għalhekk tara li l-verżjoni tal-konvenut hija kkorroborata u għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-Perit Legali u tordna lill-konvenut jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' €32,000.

**f. Polza mal-MSV Life p.l.c. bin-numru FP402425**

Il-Qorti taqbel ma' dak li jikkonkludi l-Perit Legali f'paragrafu 99 u tordna illi fid-dawl tal-fatt illi hija ma ottemperatx mal-ordni fid-digriet tal-Qorti tal-21 ta' Novembru 2013[35] kif konfermat mir-rappreżentanta tal-MSV Life li tgħid li minn Awwissu 2012 beda jitħallas nofs il-premium, l-attriċi għandha fi żmien xahar minn meta din is-sentenza ssir *res judicata*, teffetwa l-ħlasijiet illi hija naqset mill-tagħmel biex b'hekk il-polza tiġi reintegrata. Sussegwentement din il-polza għandha tiġi likwidata u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

[33] Fol. 1528.
[34] Fol. 449.
[35] Xhieda tar-rappreżentanta tal-MSV Life fis-seduta tas-27 ta' Frar 2018

**ġ. Garanzija u flejjes imħallsa mill-konvenut lil ħuħ**

L-attriċi tippretendi l-ammont ta' nofs €13,700 li jirrappreżentaw nofs is-somma li hija tgħid li l-konvenut sellef lil ħuħ. Il-Qorti taqbel perfettament mal-Perit Legali illi minkejja li jirriżulta li parti minn din is-somma tħallset wara li huwa telaq mid-dar dan ma jfissirx li l-attriċi m'għandhiex tingħata dak li tħallas wara li huwa telaq mid-dar. Stante li l-Qorti kkonkludiet illi t-tort tat-tkissir taż-żwieġ kien taż-żewġ partijiet u l-komunjoni tal-akkwisti kienet għada viġenti sal-2019, il-Qorti tordna illi l-konvenut jirrifondi lill-attriċi s-somma ta' €6,850 fi żmien xahar minn meta din is-sentenza ssir *res judicata.*

**g. Vetturi**

Mix-xhieda jirriżulta illi l-partijiet kellhom żewġ vetturi fiż-żwieġ, waħda intestata fuq isem il-konvenut u *ċioé* il-vettura tat-tip Opel Astra u oħra intestata fuq isem il-konvenuta tat-tip Citroen C1. Il-konvenut jidher li biegħ il-vettura intestata fuq ismu fl-2016 u minħabba diskrepanza fil-valuri l-partijiet jaqblu li l-attriċi għandha tikkumpensa lill-konvenut l-ammont ta' €250. Il-Qorti tordna għalhekk li l-vettura tat-tip Citroen C1 bin-numru tar-reġistrazzjoni SAR041 għandha tiġi assenjata lill-attriċi u hija tħallas is-somma ta' €250 lill-konvenut bħala ekwiparazzjoni.

**għ. Oġġetti sentimentali**

Il-Qorti, wara li rat li anke ma hemmx oġġezzjoni minn naħa tal-attriċi, tassenja lill-konvenut l-oġġetti sentimentali elenkati fin-nota ġuramentata tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2018 *a fol.* 497.

5. **Kunjom Xbubit l-Attriċi:**

L-attriċi titlob il-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha. Il-Qorti tilqa' din it-talba *ai termini* tal-Artikolu 66L(4)(b) tal-Kap 16.

**DEĊIDE**

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut sa fejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' limitatatment l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali filwaqt li tieħu in konsiderazzjoni t-talba eventwali tal-attur biex din il-kawża tinbdiel f'waħda ta' divorzju u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fit-30 ta' Marzu 1989 u dan għal raġunijiet imputabbli liż-żewġ partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni talba attriċi u t-tieni talba rikonvenzjonali *stante* li wlied il-partijiet huma issa maġġorenni;

3. Tiċħad it-tielet talba attriċi u t-tielet talba rikonvenzjonali f'dak li jirrigwarda manteniment għall-minuri E *stante* li din hija issa maġġorenni u tiċħad it-talba attriċi għall-manteniment tagħha għar-raġunijiet mogħotija fit-tielet (3) parti ta' din is-sentenza intitolata ***Manteniment għall-attriċi;***

4. Tilqa' r-raba talba attriċi u r-raba' talba rikonvenzjonali fis-sens li tapplika kontra ż-żewġ partijiet l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 *et. seq.* tal-Kap 16.

5. Tilqa' l-ħames talba attriċi u l-ħames talba rikonvenzjonali limitatament skond dak deċiż fil-provvedimenti tar-raba' (4) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali" u* tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet tal-partijiet fejn jitolbu ħatra ta' periti u dan għaliex ma jirriżultax il-bżonn ta' ħatriet f'dan is-sens f'dan il-każ;

6. Tilqa' s-sitt talba attriċi skond dak deċiż fil-provvedimenti dwar id-dar matrimonjali fir-raba' (4) parti ta' din is-Sentenza u *ċioé "It-*

*Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali"*

7. Tiċħad is-seba' talba attriċi għaliex ma jirriżultawx beni parafernali tal-attriċi mill-provi u tiddeċiedi dwar is-sitt talba rikonvenzjonali skond dak deċiż fil-provvedimenti fil-ħames (5) parti ta' din is-Sentenza u ċioé "*It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali u/jew Dotali*";

8. Tilqa' t-tmien talba;

9. Tiċħad id-disa' talba *stante* li ma teħtieġ ebda ħatra ta' Nutar pubbliku, u lanqas ta' kuratur;

10. Tiċħad l-għaxar talba *stante* li mhix neċessarja għaliex jeħtieġ biss li s-sentenza tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku, u tordna lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex jinnotifika din is-Sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, a spejjez tal-partijiet, sabiex dan jirregistra din is-Sentenza;

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. K Vella Baldacchino
Deputat Registratur